# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 31 ta' Mejju, 2023.**

**Numru 50**

**Rikors numru 1041/2020/1 RGM**

**Elnara Shorazova rappreżentata mill-mandatarju speċjali tagħha, l-Avukat Dr Louis Cassar Pullicino**

**v.**

**Avukat Pio M. Valletta**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi Elnara Shorazova ppreżentat minnha fid-9 ta' Novembru, 2020 li permezz tiegħu ngħad:

> "1. Illi l-attriċi kienet inkarigat lill-konvenut bħala l-avukat tal-fiduċja tagħha hawn Malta sabiex jippresta diversi servizzi professjonali bħala avukat;
>
> 2. Illi fil-kors ta' dan l-inkarigu l-attriċi kienet iddepożitat mal-konvenut avukat is-somma ta' żewġ miljuni u erba' mitt elf Euro (€ 2,400,000.00) liema trasferiment seħħ fit-22 ta' Diċembru, 2010 (kif jirriżulta mill-anness dokument immarkat "Dok. LCP1") liema

ammont kien intiż li jiġi amministrat mill-konvenut bħala fiduċjarju tagħha. Fuq struzzjonijiet tal-attriċi, din is-somma kellha tiġi depożitata kollha kemm hi mill-konvenut f'kont bankarju intestat f'isem il-kumpannija A&P Power Limited, liema soċjeta kellha titwaqqaf appożitament hawn Malta biex tkun id-depożitarja ta' dan l-ammont;

3. Illi fil-fatt is-soċjeta A&P Power Limited twaqqfet hawn Malta mill-konvenut fuq inkarigu tal-attriċi u li fiha huwa kien nominat bhala l-uniku direttur filwaqt li l-ishma kienu reġistrati f'isem A+P Power Holdings Limited, kumpannija reġistrata f'St. Kitts and Nevis u f'liema kumpannija l-ishma kienu reġistrati f'isem kumpannija oħra bl-isem Merrydown Limited li kienet qed taġixxi bħala "nominee" u "trustee" a benefiċċju tal-konvenut Valletta. Da parti tiegħu l-konvenut kien qed izomm f'ismu dawn l-ishma f'isem u a benefiċċju tar-rikorrenti;

4. Illi kif jirriżulta mill-anness dokument "LCP2", malli sar l-imsemmi depożitu hawn fuq indikat, l-konvenut għadda sabiex iddepożita biss l-ammont ta' żewġ miljuni u mitejn elf Ewro (€2,200,000.00) fl-imsemmi kont bankarju f'isem A&P Power Limited, mingħajr ma kien awtorizzat inaqqas jew iwarrab l-ammont ta' mitejn elf Ewro (€200,000.00) u minghajr ma biss kienet taf l-esponenti, u dan bi ksur ċar tal-obbligu professjonali tiegħu u tal-inkarigu mogħti lilu;

5. Illi meta l-attriċi ntebħet b'dan, hija talbet lill-konvenut sabiex huwa ma jibqax l-uniku firmatarju fuq il-kont bankarju ta' A&P Power Limited u fil-fatt fl-24 ta' Lulju, 2011 saru l-proċeduri bankarji meħtieġa sabiex il-firmatarji fuq il-kont ikunu l-attriċi u l-konvenut flimkien;

6. Illi qabel ma seħħet din il-bidla, pero, ad insaputa tal-attriċi, minghajr il-kunsens taghha u bi ksur ċar tal-obbligu professjonali tiegħu u tal-inkarigu mogħti lilu, jirriżulta ukoll illi fis-16 ta' Gunju, 2011 is-somma ta' seba' mitt elf Euro (€ 700,000.00) kienet inġibdet u ġiet żbankata mill-konvenut mill-kont ta' A&P Power Limited mingħajr il-kunsens tal-attriċi u dan allura meta huwa kien għadu l-uniku firmatarju fuq il-kont bankarju fejn kienu depożitati l-flus in kwistjoni; saħansitra l-konvenut Valletta lanqas kien għadu għarraf lill-attriċi b'dan l-iżbank meta nbidlu l-firmatarji fuq il-kont bankarju kif fuq spjegat f'Lulju tal-2011;

7. Illi meta żmien wara l-attriċi ndunat b'dan l-iżbank u irrinfaċċjat lill-konvenut bil-premess, l-avukati ġodda tal-attriċi ġew infurmati mill-konvenut illi s-somma ta' €700,000.00 kienet ġiet żbankata minnu sabiex jitħallas ta' drittijiet professjonali u servizzi oħra li allega li ġew prestati minnu (għalkemm ma kien ippreżenta l-ebda kont jew rendikont riferibbli għal dan l-import). Dawn il-pretensjonijiet kienu kontestati mill-attriċi għaliex, apparti li kienu jidhru eċċessivi u eżorbitanti, fil-fatt l-attriċi kienet ġja ħalset lill-

konvenut diversi kontijiet oħra li gew sottomessi lilha minn żmien għal żmien, għal-servizzi reżi, u dana fl-ammont ta' tmienja u ħamsin elf Ewro (€58,000.00);

8. Illi kaġun ta' dan kollu inqala diżgwid bejn il-kontendenti u fid-29 ta' Settembru, 2011, l-attrici spiċċat fetħet proċeduri legali kontra l-konvenut għar-restituzzjoni tas-somma ta' disa' mitt elf Ewro (€900,000.00) u kontra A&P Power Limited għar-restituzzjoni tal-bilanċ tal-flus tagħha ta' miljun u ħames mitt elf Ewro (€1,500,000) li kien jinsab, f'dak iż-żmien, depożitat fil-kont bankarju ta' A&P Power Limited (Rikors ġuramentat numru 939/2011 GC);

9. Illi fil-kors tal-proċeduri appena imsemmija, il-kontendenti ittranżiġew il-vertenza ta' bejniethom u ffirmaw skrittura ta' tranżazzjoni fil-5 ta' Ottubru, 2012 (Dokument "LCP 3");

10. Illi skont il-ftehim ta' tranżazzjoni l-konvenut obbliga ruħu li jirrestitwixxi s-somma ta' disa' mitt elf Ewro (€900,000.00) lill-attriċi f'pagamenti ratejali u ċioe bil-mod segwenti:

***"4.1 The Defendant is hereon paying the sum of Euro fifty thousand (€ 50,000.00) on account of the Settlement Sum, by means of cheque number 5161 drawn on Bank of Valletta plc, for which Claimant hereby tenders due receipt.***
***4.2 Thereafter the Defendant shall make further payments by way of Bank draft or in cash on account of the Settlement Sum in the following manner, namely:***
***(a) Forty-two thousand Euro (€42,000.00) by not later than 1st July, 2013;***
***(b) Fifty Thousand Euro (€50,000.00) by not later than 31st December, 2013;***
***(c) Ninety-two Thousand Euro (€92,000.00) by not later than 1st July 2014;***
***(d) Ninety-two Thousand Euro (€92,000.00) by not later than 1st July 2015;***
***(e) Ninety-two Thousand Euro (€92,000.00) by not later than 1st July 2016;***
***(f) Ninety-two Thousand Euro (€92,000.00) by not later than 1st July 2017;***
***(g) Ninety thousand Euro (€90,000.00) by not later than 1st July 2018; (each date hereinafter referred to as a "Payment Date")."***

11. Illi l-ftehim kien ċar ħafna dwar il-puntwalita' tal-pagamenti u kien jipprovdi ukoll illi f'każ – u f'każ biss – li l-konvenut ikun puntwali fil-pagamenti u jħallas l-pagamenti kollha, l-konvenut allura jibbenefika minn skont ta' tlett mitt elf Ewro (EUR 300,000) mid-dejn li għalih ikkostitwixxa ruħu bħala debitur fil-konfront tal-attriċi (u ċioe l-ammont ta' disa' mitt elf Ewro - EUR 900,000), liema ammont, altrimenti kien, skont il-ftehim, ikun jibqa' dovut fl-intier tiegħu f'każ ta' morożita, u dan kif jirriżulta aħjar skont l-artiklu 4.3 tal-istess ftehim li jipprovdi testwalment li:

***"4.3 In the event that Defendant makes all the payments on account of the Settlement Sum as contemplated in clause 4.1 and 4.2 and punctually (meaning by not later than 5pm Malta time on each Payment Date), the Claimant shall renounce to the remaining part of the Settlement Sum due in the sum of three hundred thousand Euro (€300,000.00) and provide Defendant with a full and final receipt in respect of the Settlement Sum."***

12. Illi fir-rejalta, ħlief għall-ewwel pagament li sar kontestwalment mal-iffirmar tal-ftehim, l-konvenut kien tard f'kull pagament u addirittura qabeż pagament sħiħ li kien dovut fl-1 ta' Lulju, 2017 (a tenur tal-artiklu 4.2(f) tal-ftehim ikkwotat fil-klawzola 10), li parti minnu spiċċa biex ħallsu biss fit-3 ta' Settembru, 2018 (u għalhekk iktar minn sena tard) u dan biss wara li saritlu talba ghall-hlas mill-avukati tal-esponenti, kif ser jiġi ppruvat fil-kors ta' dawn il-proċeduri);

13. Illi apparti pagamenti tardivi, l-konvenut kien anki, minn jeddu, jaqsam is-somma li tkun dovuta f'sena partikolari f'tnejn jew addirittura tlett pagamenti u qatt u qatt ma żamm mad-data li fiha kien obbliga ruħu li jagħmel il-pagament partikolari (u dan kif jirriżulta mill-iskeda ta' pagamenti hawn annessa bħala Dokument "LCP 4" u mid-dokumenti l-oħra annessi, immarkati bħala Dok. ES1 sa ES8);

14. Illi għalhekk, skont il-pattijiet tal-ftehim maqbul mill-konvenut stess, l-konvenut iddekada mill-benefiċċju ossia l-iskont lilu mogħti mill-ammont ta' dejn komplessiv kif hawn fuq premess u jirriżulta li għad għandu jagħti lill-attriċi s-somma bilanċjali ta' tlett mitt elf Ewro (€300,000.00);

Għaldaqstant, in vista tal-fatti kif esposti, prevja kull provvediment li din il-Qorti jidhrilha xieraq, jgħid għalhekk l-intimat għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandiex:-

1. Tiddikjara illi kawża tad-dewmien u morożita fil-ħlas tal-pagamenti dovuti mill-konvenut a tenur tal-ftehim ta' tranżazzjoni milħuq mal-attriċi fil-5 ta' Ottubru, 2012, l-istess konvenut iddekada mill-benefiċċju ossia mill-iskont lilu mogħti f'każ li kellu jonora l-obbligi tiegħu ta' ħlas puntwalment kif stipulat fil-klawżola 4.3 tal-imsemmi ftehim, bil-konsegwenza li l-attriċi għandha dritt tirċievi u titlob mingħand il-konvenut li huwa obbligat iħallas lill-attriċi, is-somma bilanċjali ta' tlett mitt elf Ewro (€300,000.00);

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi l-ammont ta' tlett mitt elf Ewro (€300,000.00) flimkien mal-imgħaxijiet skond il-liġi;

Bl-ispejjeż kontra l-intimat inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru preżentat kontestwalment, li huwa nġunt minn issa sabiex jidher in subizzjoni."

2. Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, l-Avukat Dr Pio M. Valletta ppreżentata fit-22 ta' Jannar, 2021, li permezz tagħha ressaq is-segwenti eċċezzjonijiet:

"1. Preliminarjament jigi eccepit illi l-azzjoni promossa mir-rikorenti attrici hija perenta ghat-tenur tal-paragrafu (f) tal-Artikolu 2156 tal-Kodici Civili – Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, abbinat dan, mal-Artikolu 2137 tal-Kodici Civili – Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li "Bla ħsara ta' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss". Ir-rikorrenti attrici fir-rikors guramentat taghha tisqarr li l-konvenut kien tardiv f'kull pagament hlief ghall-ewwel pagament li sar kontestwalment mal-iffirmar tal-Ftehim ta' Transazzjoni li qieghed iservi bhala bazi ghall-azzjoni promossa permezz ta' dan ir-rikors guramentat. Dan ifisser li skond l-istess rikorrenti attrici, gja fl-ewwel (1) ta' Lulju, 2013 kienet bdiet ghaddejja l-preskrizzjoni tal-azzjoni promossa mir-rikorrenti attrici, ghad illi f'dik id-data l-azzjoni li qeghda tigi ezercitata b'dan il-procediment setghet tigi ezercitata. M'hemmx dubbju li l-hames snin bejn id-data meta l-azzjoni setghet tigi ezercitata u l-prezentata tar-rikors gurament odjern tar-rikorrenti attrici ghaddew.

2. Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet tar-rikorrenti attrici huma nfondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt ghad illi l-istess rikorrenti attrici dejjem ikkoncediet u tat il-kunsens preventiv taghha kull meta sar hlas mhux skont id-data stiuplata fil-Ftehim ta' Transazzjoni u dan kif ser jigi ppruvat fil-kors tas-smigh tal-kawza.

3. Dwar id-dikjarazzjonijiet kontenuti fid-dikjarazzjoni guramentata tar-rikorrenti attrici, l-esponent intimat jirrespinġi bhala mhux veritjeri numru ta' dikjarazzjonijiet u dan ser jigi muri fil-kors tas-smigh tal-kawza anke jekk qeghdin jigu imwiegba u ndirizzati hawn taht uhud minn dawn id-dikjarazzjonijiet tar-rikorrenti attrici.

4. L-esponent intimat kien l-avukat tal-fiducja tar-rikorrenti u ta' zewgha il-mibki Rakhat Aliyev maghruf bhala Rakhat Shoraz.

5. L-esponent intimat kien ġie inkarigat sabiex jamministra diversi interessi, attivitajiet u kumpanniji bhala fiducjarju tar-rikorrenti

attrici u tal-mibki Rakhat Aliyev u dan kif ser jigi spjegat fid-dettal fil-kors tas-smigh tal-kawza.

6. L-esponent kien jircievi l-istruzzjonijiet dwar l-amministrazzjoni u thaddim tal-imsemmija interessi, attivitajiet u kumpanniji primarjament u fil-maggorparti minghand il-mibki Rakhat Aliyev u dan kif ser jigi spjegat u ppruvat fil-kors tas-smigh tal-kawza.

7. L-allegazzjonijiet kontenuti fir-rikors guramentat tal-attrici kwantu t-thaddim tal-fondi destinati lis-socjeta A & P Power Limited huwa fil-maggorparti taghhom mhux veritjieri u infondati peress illi l-konvenut kien jircievi l-istruzzjonijiet dwar it-thaddim tal-imsemmija socjeta u l-fondi destinati lilha mingħand il-mibki Rakhat Aliyev.

8. L-istruzzjonijiet sabiex l-attriċi attrici ssir firmatarja flimkien mal-konvenut kwantu l-kont bankarju tas-socjeta A & P Power Limited originaw minn Rakhat Aliyev u mhux minghand l-attrici kif qedha tallega. Ir-raguni ghal dan ma kinitx dik indikata fir-rikors guramentat tal-attrici izda kienet marbuta ma' certi esigenzi amminsitrattivi decizi u kkommunikati lill-konvenut minn Rakhat Aliyev. Infatti l-konvenut kien inzamm bhala firmatraju fuq il-kont u dan juri li r-ragunijiet ghal dan il-kambjament fil-firmatrji ma kienux marbuta ma xi ksur ta' xi obbligi professjonali.

9. Kull trasferiment li sehh dejjem gie diskuss ma' Rakhat Aliyev waqt laqghat li l-konvenut kien ikollu frekwentement mal-imsemmi Rakhat Aliyev fir-residenza tal-konvenut. Anke l-onorarju tal-konvenut kien gie diskuss waqt dawn il-laqghat.

10. Dwar il-hlas ta' kontijiet imsemmija f'paragrafu 7 tar-rikors guramentat u l-ammont hemm indikat, l-maggorparti tal-ammonti imhallsa kienu jirrigwardaw spejjez marbuta mall-kostituzzjoni ta' socjetajiet varji u spejjez ohra marbuta mal-ezercizzju tal-attivita professjonali.

11. Huwa minnu li eventwalment inqala' dizgwid bejn Rakhat Aliyev u l-konvenut izda originarjament dan id-dizgwid ma kienx jirrigwarda l-zbank imsemmi, izda affarijiet ohra. B'rizultat ta' dan id-disgwid, li kif gja inghad, ma kienx jirrigwarda l-izbank imsemmi, Rakhat Aliyev beda jikkontesta kollox inkluz dak li kien gie miftiehm kwantu ghall-hlas tax-xoghol professjonali tal-konvenut.

12. Huwa minnu li nfethu proceduri gudizzjarji kontra l-esponent intimat u li dawn il-proceduri gew sussegwentement tranzatti, izda dan kien wara intervent tal-Professur Wolfgang Branstatter li dak iz-zmien kien wiehed mill-konsulenti legali tal-mibji Rakhat Aliyev u li llum huwa membru tal-Qorti Kostituzzjonali Awstrijaka.

13. Huwa minnu li l-Ftehim ta' Transazzjoni kien jipprovdi ghall-hlasijiet rateali tas-somma li kien hemm qbil dwar ir-restituzzjoni taghha f'dati determinati u li f'eventwalita li dawn ma jithallsux skond id-dati mifthema, l-ammont ta' tlett mitt elf Euro li kellu jghaddi ghand il-konvenut bhala hlas ghas-servizzi professjonali tieghu skond il-Ftehim ta' Transazzjoni, jsir dovut.

14. Kull pagament tardiv li sar mill-konvenut esponent, kien sar bil-kunsens preventivament ottenut minghand ir-rikorrenti attrici kif jista' jixhed u jikkonferma l-Avukat Dr. Anthony Cremona li mieghu l-intimat kien jikkomunika kwantu ghall-hlasijiet skond il-Ftehim ta' Transazzjoni.

15. Tul dawn it-tmien snin mill-firma tal-Ftehim ta' Transazzjoni l-attriċi qatt ma pprotestat dwar it-tardivita fil-hlas ghad illi kif diga inghad hija dejjem intalbet u tat il-kunsens preventiv taghha ghall-hlas li ma kienx isir fid-data indikata fil-Ftehim ta' Transazzjoni. L-attrici qatt ma' kkumminikat lill-konvenut xi talba bhal dik li qed iggib il-quddiem permezz ta' din il-kawza u dan certament ghall-istess raguni fuq imsemmija u cjoe li l-kunsens taghha kien gie ottenut u moghti ghal kull pagament tardiv.

16. X'gieghel lill-attriċi, wara dawn is-snin kollha, li tressaq din l-azzjoni meta hija taf ben tajjeb, li hija dejjem akkordat u tat l-kunsens taghha ghal kull hlas li ma sarx fid-data indikata fil-Ftehim ta' Transazzjoni, ma huwiex maghruf, izda certament li ser jinhtieg li l-attriċi tispjega ghala wara dawn is-snin kollha qeghda tallega li sehh il-ksur tal-Ftehim ta' Transazzjoni u qedha titlob ir-restituzzjoni tal-ammont li kien intiz sabiex jissoddisfa l-hlas tal-onorari professjonali tal-esponent konvenut.

17. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

3. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-27 ta' Ottubru, 2022, li permezz tagħha l-kawża ġiet deċiża fis-sens illi:

"1. Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut li permezz tagħha laqa' għat-talbiet attriċi bl-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili.

2. Tiċħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet.

3. Tilqa' l-ewwel talba attriċi, tiddikjara illi kawża tad-dewmien u morożita fil-ħlas tal-pagamenti dovuti mill-konvenut lill-attriċi a tenur tal-ftehim ta' tranżazzjoni milħuq bejniethom fil-5 ta' Ottubru, 2012, l-istess konvenut iddekada mill-iskont li kien ikun intitolat

għalih f'każ li jonora l-obbligi tiegħu ta' ħlas puntwalment kif stipulat fil-klawżola 4.3 tal-imsemmi ftehim,

4. Tiddikjara illi l-attriċi għandha dritt tirċievi u titlob mingħand il-konvenut il-ħlas tas-somma bilanċjali ta' tlett mitt elf Ewro (€300,000.00);

5. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi l-imsemmija somma ta' tlett mitt elf Ewro (€300,000.00) bl-imgħax legali mill-4 ta' Jannar 2021, id-data tan-notifika tar-rikors ġuramentat lill-konvenut, sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut."

4. Dik Il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"L-Azzjoni Attriċi.

Permezz tal-kawża odjerna l-attriċi qed titlob lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' tlett mitt elf ewro (€300,000) li skond l-attriċi huwa l-bilanċ lilha dovut mill-konvenut in forza ta' skrittura ta' transazzjoni bid-data tal-5 ta' Ottubru 2012.

Skond din l-iskrittura[1] il-partijiet ftehmu li jitransiġu il-pendenzi kollha ta' bejniethom billi sar qbil li l-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' disa' mitt elf ewro (€900,000) pagabbli in kwantu għal ħamsin elf ewro (€50,000) fuq dik l-iskrittura, seba' pagamenti bejn l-1 ta' Lulju 2013 u l-1 ta' Lulju 2018 ammontanti komplessivament għal ħames mija u ħamsin elf ewro (€550,000), u li fl-eventwalita' li l-konvenut iħallas kull ammont rateali sal-5.00 p.m. ta' kull ġurnata relativa għall-ħlas rateali mifthiem, allura l-attriċi intrabtet illi tirrinunzja għar-rimanenti tlett mitt elf ewro (€300,000). L-attriċi intrabtet ukoll fost l-oħrajn li tirtira ir-rapport li kienet għamlet mal-pulizija kontra l-konvenut kif ukoll li tirtira ir-rapport li kienet għamlet kontra l-konvenut malKummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja.

Il-partijiet ftehmu wkoll li jirtiraw il-kawżi li kienu fetħu dak iż-żmien kontra xulxin (Rikors Ġuramentt nru. 939/2011u Rikors Ġuramentat nru 1028/2011) u li jirtiraw il-mandati kawtelatorji maħruġa wkoll kontra xulxin fuq talba rispettiva tagħhom sa mhux aktar tard minn ġimgħa mid-data tal-iskrittura ta' transazzjoni.

L-attriċi tallega illi l-konvenut ma kienx puntwali fil-ħlasijiet miftehma bil-konsegwenza li ma skattatx klawsola 4.3 tal-iskrittura li tistipula

[1] Kopja tal-iskrittura tinsab f'paġna 9 et.seq. tal-proċess

f'liema ċirkostanzi l-attriċi kienet tkun marbuta li tirrinunzja għassomma ta' €300,000 mis-somma imsemmija ta' €900,000.

Ikkunsidrat;

Id-Difiża tal-Konvenut.

L-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut huma essenzjalment tlieta;

1. Illi l-azzjoni attriċi hi preskritta bid-dekors ta' ħames snin ai termini tal-artikolu 2156 (f) u l-artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili;

2. Illi l-attriċi dejjem ikkonċediet u tat il-kunsens preventiv tagħha kull meta sar ħlas mhux skond id-data stipulata fil-Ftehim ta' Transazzjoni; għalhekk kull pagament tardiv li sar mill-konvenut kien sar bil-kunsens preventivament ottenut mingħand l-attriċi;

3. Illi l-Ftehim ta' Transazzjoni kien jipprovdi għall-ħlasijiet rateali tas-somma li kien hemm qbil dwar ir-restituzzjoni tagħha f'dati determinati u li fl-eventwalita' li dawn ma jitħallsux skond id-dati miftehma, l-ammont ta' tlett mitt elf Ewro li kellu jgħaddi għand il-konvenut bħala ħlas għas-servizzi professjonali tiegħu skond il-Ftehim ta' Transazzjoni jsir dovut lill-attriċi.

Ikkunsidrat;

Prinċipji regolanti l-kuntratti in ġenerali u dawk ta' transazzjoni in partikolari.

1. Il-kuntratti għandhom is-saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom u għandhom jiġu eżegwiti in bona fidi.[2]

2. It-transazzjoni hija kuntratt li bih il-partijiet iġibu fi tmiemha kawża mibdija jew jevitaw li ssir kawża dwar il-kwistjoni ta' bejniethom. Dan jagħmluh billi jagħtu xi ħaġa, iżommu xi ħaġa jew iwegħdu xi ħaga.[3]

2. It-transazzjoni li tinvolvi ħwejjeġ immobbli ma tkunx tiswa jekk ma ssirx bil-mezz ta' kuntratt pubbliku.[4]

3. Fit-transazzjoni jidħol biss dak li hu l-oġġett tagħha għaliex it-transazzjoni ma ġġibx fi tmiemhom ħlief dawk il-kwistjonijiet li l-partijiet kellhom fi ħsiebhom kif espressi fit-transazzjoni.[5]

---

[2] Art. 992 u 993 Kap 16
[3] Art. 1718 Kap 16
[4] Art. 1719 Kap 16
[5] Art. 1725 u 1726 Kap 16

4. It-transazzjoni għandha bejn il-partijiet is-setgħa ta' sentenza li għaddiet in ġudikat.[6] (Paul Portelli vs Joseph Portelli et - Qorti tal-Appell - 1 ta' Diċembru 2021).

5. "Huwa pacifiku illi t-transazzjoni hija karatterizzata minn zewg elementi kostituttivi u cioe` ir-res dubia, ossia r-rapport guridiku incert illi jezisti bejn il-partijiet, u r-rieda tal-istess partijiet illi jtemmu dak id-dubju billi jinnegozjaw ftehim mibni fuq koncessjonijiet reciproci bil-ghan illi jintlahaq il-quid medium, jigifieri l-qbil jew kompromess bejn il-pretensjonijiet illi taw lok ghal-litigju. Dawn iz-zewg elementi distintivi ta' transazzjoni gew ukoll deskritti hekk: l-ewwel wiehed hu d-dubju, li minnu jridu johorgu l-partijiet billi jirrizolvuh huma stess minflok ihallu d-decizjoni fuqu ghall-Qorti; it-tieni hu dak li l-prattici jsejhu l-"hinc inde remissum", cjoe il-koncessjoni jew sagrificcju reciproku." (Kummissarju tal-Artijiet v. Salvatore Bezzina et - Qorti tal-Appell - 8 ta' Ottubru 2020).[7]

It-Termini fil-Ftehim fir-rigward tas-somma ta' €300,000

Qabel ma l-Qorti titratta l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni jeħtieġ qabel xejn li l-Qorti tiddelibera dwar il-ftehim ta' bejn il-partijiet rigwardanti s-sorte ta' tlett mitt elf ewro (300,000) b'mod partikolari dan l-ammont x'jirrappreżenta skond il-ftehim ta' transazzjoni.

Skond l-attriċi l-ammont li l-konvenut kellu jħallasha b'riżultat tal-iskrittura ta' transazzjoni kien ta' €900,000 li minnhom hija kienet lesta li taħfer €300,000 kemm-il darba l-konvenut iħallasha puntwalment u mhux aktar tard mill-ħamsa ta' filgħaxija (5.00 p.m.) ta' kull ġurnata stabbilita għall-ħlas rateali, l-ammonti mifthema fil-ftehim ta' transazzjoni.

Il-konvenut mill-banda l-oħra għandu interpretazzjoni diversa tal-ftehim. Fl-eċċezzjoni tiegħu immarkata aktar qabel bin-numru 3 huwa jsostni illi dawk it-tlett mitt elf ewro (€300,000) kienu lilu dovuti bħala "ħlas għas-servizzi professjonali" tiegħu u li kien jitlifhom u jsiru dovuti lill-attriċi jekk ma jħallasx l-ammont ta' ħames mija u ħamsin elf ewro (€550,000) puntwalment skond l-iskrittura f'dati li jibdew bejn l-1 ta' Lulju 2013 u l-1 ta' Lulju 2018.

Jibda billi jingħad illi l-konvenut ma ressaq l-ebda prova li l-imsemmija somma ta' €300,000 tirrappreżenta drittijiet professjonali tiegħu. Mhux biss il-ftehim ta' transazzjoni imkien ma jistipula li hemm jew li kien hemm dovut is-somma ta' €300,000 mill-attriċi lill-konvenut bħala drittijiet professjonali iżda l-konvenut naqas milli jressaq provi bħal fatturi li b'xi mod jissostanzjaw l-allegazzjoni tiegħu fir-rigward.

---

[6] Art. 1729 Kap 16

[7] Ara wkoll il-ġurisprudenza hemm ċitata: Kollez. Vol. XLIII.I.418; Micallef noe v. Vella – Appell Civili – 8 ta' Marzu, 1991; Caruana et v. Gauci – Appell Civili – 7 ta' Ottubru, 1997; Schembri v. Moscalenko – PA - 9 ta' Gunju, 2004; u Cini v. Cini – Appell Inferjuri – 22 ta' Marzu, 2006)."

Skond klawsola numru 1 tal-ftehim il-partijiet ftehmu illi "Settlment Sum" kienet fl-ammont ta' disa' mitt elf Ewro (€900,000) filwaqt li skond klawsola numru 3.1 tal-ftehim il-konvenut intrabat li in vista tat-transazzjoni milħuqa mal-attriċi huwa kien ser iħallasha l-ammont deskritt bħala "Settlement Sum" għal darba waħda biss u bil-mod kif aktar 'l isfel fil-ftehim ġie stipulat:

> "3.1 In consideration of the settlement and covenants undertaken abvoe by Claimant (l-attriċi) and Defendant (il-konvenut) and their respective waivers of any further entitlment in connection with the Released Claims and the Related Claims, Defendant will pay Claimant once only the Settlement Sum in the manner set forth in this Settlment Agreement."

Il-ftehim ta' transazzjoni iffirmat mill-partijiet jistipula li l-ewwel €50,000 mis-somma ta' €900,000 kellhom u fil-fatt tħallsu mal-iffirmar tal-iskrittura ta' transazzjoni fil-5 ta' Ottubru 2012, filwaqt li l-kumplament jingħad illi kellhom jitħallsu in kwantu għal €42,000 sal-1 ta' Lulju 2013; €50,000 sal-31 ta' Diċembru 2013; €92,000 sal-1 ta' Lulju 2014; €92,000 sal-1 ta' Lulju 2015; €92,000 sal-1 ta' Lulju 2016; €92,000 sal-1 ta' Lulju 2017 u €90,000 sal-1 ta' Lulju 2018. Skond klawsoli 4.3 u 4.4 tal-ftehim il-partijiet ftehmu x'ikunu l-konsegwenzi jekk il-konvenut iħallas kull pagament rateali fil-ħin sa mhux aktar tard mill-5.00 p.m. ta' kull data fuq imsemmija u x'ikunu l-konsegwenzi jekk ma jonorax il-ħlasijiet kif miftehma jew ma jkunx puntwali.

> "Klawsola 4.3 : In the event that Defendant makes all the payments on account of the Settlement Sum as contemplated in clause 4.1 and 4.2 and punctually (meaning by not later than 5pm Malta time on each Payment Date), the Claimant shall renounce to the remaining part of the Settlement Sum due in the sum of three hundred thousand Euro (€300,000) and provide Defendant with a full and final receipt in respect of the Settlement Sum."

Mill-banda l-oħra,

> "Klawsola 4.4 : In the event that Defendant fails to make any payment or part thereof in the manner set out in clause 4.1 and 4.2 and punctually, Defendant shall forfeit the benefit of time granted in accordance with said clauses 4.1 and 4.2 and consequently the Settlement Sum (€900,000) shall be due in its entirety and <u>consequently Defendant shall forfeit any benefit granted to him in accordance with clause 4.3,</u> and Defendant further agrees that he shall pay Claimant the entire sum of Claimant's Court expenses including legal fees due in respect of the Released Claims and in respect of the Related Claims." (sottolinear tal-Qorti).

Qari ta' dawn iż-żewġ klawsoli fil-ftehim ma jħallu l-ebda dubju dwar x'kienet l-intenzjoni tal-partijiet fir-rigward tal-ħlasijiet rateali u fir-rigward tal-konsegwenzi fl-eventwalita' li l-konvenut ikun puntwali f'kull pagament rateali miftiehem. Il-ftehim f'dan ir-rigward huwa ċar. L-ammont dovut mill-konvenut lill-attriċi huwa ta' €900,000. Fl-eventwalita' li l-konvenut ikun puntwali fil-ħlas ta' kull pagament

jiskatta l-obbligu fuq l-attriċi li tirrinunzja għall-aħħar parti tas-somma ta' €900,000 fl-ammont ta' €300.000.

Il-konvenut jeċċepixxi illi filwaqt li huwa minnu li l-pagamenti ħallashom tard, pero' dan għamlu wara li skond hu l-attriċi "tat il-kunsens preventiv tagħha kull meta sar hlas mhux skont id-data stipulata fil-Ftehim ta' Transazzjoni".

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu il-konvenut isostni illi meta huwa kien jeffettwa l-pagamenti rateali tardivament l-attriċi qatt ma invokat id-dritt tagħha li titlob ukoll għas-somma ta' €300,000. Jissottometti illi kull meta ħallas pagament rateali huwa dejjem għamilha ċara illi qed iħallas l-ammont previst fi klawsola 4.1 u 4.2. Jgħid illi fl-ebda mument matul il-perijodu bejn l-1 ta' Lulju 2013 u l-1 ta' Lulju 2018 ma qatt intalab sabiex iħallas xi ammont aktar minn dak previst skond klawsoli 4.1 u 4.2. Jargumenta illi matul dawk is-snin l-attriċi qatt ma invokat id-dritt tagħha skond klawsola 4.4 referibbli għall-konsegwenzi fl-eventwalita' ta' morożita' fil-ħlasijiet miftehma. Jissottometti li dan il-fatt għandu jwassal għall-konklużżjoni illi l-attriċi irrinunzjat taċitament għall-konservazzjoni tad-drittijiet tagħha naxxenti minn klawsola 4.4 tal-ftehim.

Il-konvenut ma jikkontestax il-fatt li huwa ħallas numru ta' pagamenti rateali tardivament.

F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva illi l-ammont ta' €42,000 li kellu jitħallas sal-1 ta' Lulju 2013 jidher li tħallas fil-ħin.

L-ammont ta' €50,000 li kellu jitħallas sal-31 ta' Diċembru 2013 ġie mħallas permezz ta' bank draft datat 6 ta' Jannar 2014 għalkemm ma hux ċar meta ġie mgħoddi lill-avukati tal-attriċi. Fl-aħjar ipoteżi għall-konvenut dan il-pagament sar sitt ijiem tard.

Il-pagament ta' €92,000 li kellu jsir sal-1 ta' Lulju 2014 sar permezz ta' ħames pagamenti u ċioe' €15,000, €15,000, €10,000, €10,000 u €42,000 rispettivament. Mill-atti jirriżulta illi ż-żewġ cheques għal €15,000 il-wieħed kienu datati 18 ta' Settembru 2014 u 24 ta' Ottubru 2014[8] rispettivament. Zewġ cheques ta' €10,000 il-wieħed kienu datati 2 ta' Diċembru 2014 u 19 ta' Diċembru 2014 rispettivament filwaqt li l-ammont ta' €42,000 ġie mħallas permezz ta' depożitu bankarju fid-29 ta' Settembru 2014[9], kważi tlett xhur tard. Dawn il-pagamenti ġew effettwati wara skabju ta' emails bejn il-konvenut u l-avukat tal-attriċi. Email tal-konvenut lill-avukat tal-attriċi mibgħuta wara l-1 ta' Lulju 2014[10] tgħid hekk: "It was an oversight on my part and I was not prepared to pay Euros 92K in July. What I can propose is that the amount is split in three payments, one payment 15K on the 1st September, 20K on the 15th October 2014 and the balance on the 1st

[8] Ara kopja ta' email f'paġna 25 tal-proċess.

[9] L-ammont depożitat kien ta' €41,873.00.

[10] Paġna 95 tal-proċess

December, 2014. This would be managable for me.” L-avukat tal-attriċi jirrispondi b’email tat-23 ta’ Lulju 2014: “As promised, I have discussed with Elnara the balance due as per the agreement signed between you and her and in fact have purposely left some time pass - almost a month now - because she was fine with being reasonable until you liberate some funds in order to pay the balance due. However within reason because she would like you to stick to the agreement - the concession granted last year to split the payment was agreed to on your request on the understanding that it would happen in 2013 only, so for 2014 onwards she would like the agreement to be respected. If you still require some time do let me know because, as I said, she is understanding, but she could not accept that the payment happens at the end of the year.”

Fir-rigward tal-ammont ta’ €92,000 dovut sal-1 ta’ Lulju 2015 jirriżulta li dan ukoll ġie maqsum f’aktar minn pagament wieħed. L-ewwel pagament ta’ €42,000 ġie effettwat billi l-konvenut bghat lill-avukat tal-attriċi bank draft pagabbli lill-attriċi datat 15 ta’ Lulju 2015 akkumpanjat b’nota miktuba mill-konvenut li tgħid: “Attached please find a Bank Draft for Euro 42K. I am afraid that I could not make the full payment of Euros 92K on account of the fact that a 10% deposit which was meant to be paid to me for the sale of a Penthouse was not paid in full. I should be receiving the balance of €50,000 in the coming two - maximum three week(s) whereupon I shall forward a second bankdraft to complete the payment. Sincere apologies for this but as you things very often do not go according to plan. I shall keep you informed and would let you know once payment has been made funds are available.”

Minn dan l-episodju jirriżulta ċar illi l-konvenut ma ottjeniex minn qabel il-kunsens tal-attriċi sabiex tawtorizzah ma jonorax id-data miftehma. Ir-rimanenti €50,000 tħallsu permezz ta’ żewġ bank drafts oħra li allura wkoll ġew effettwati tardivament.

L-ammont ta’ €92,000 dovut sal-1 ta’ Lulju 2016 tħallas permezz ta’ bank draft datat it-3 ta’ Awissu 2016, aktar minn xahar tard.

L-ammont ta’ €92,000 dovut sal-1 ta’ Lulju 2017 tħallas mill-konvenut f’żewġ pagamenti, l-ewwel pagament ta’ €40,000 permezz ta’ bank draft datat 31 ta’ Awissu 2017 (xahrejn wara d-data miftehma) u t-tieni pagament ta’ €52,000 datat 31 ta’ Awissu 2018[11] (sena u xahrejn wara d-data miftehma). Il-bank draft ta’ €40,000 ġie mibgħut lill-avukat tal-attriċi akkumpanjat b’nota tal-konvenut li kienet taqra kif ġej: “As you can see from the attached letter my investment matures today. I was told that I would have to wait a few days to receive funds. Since I promised to effect payment this week I have manged to put together €40,000 to part settle the amount I owe Elnara. I did this to demonstrate that this delay in securing the amount due was not a

[11] Kopja f’paġna 48 tal-proċess

delaying tactic but a genuine situation. As I have done in the past few years I shall adhere to my obligation and commitment and I will be paying the balance as soon as the funds reach me."[12]

L-ammont ta' €90,000 dovut sal-1 ta' Lulju 2018 tħallas ukoll f'żewġ pagamenti, l-ewwel pagament ta' €50,000 permezz ta' bank draft datat 21 ta' Lulju 2018 u t-tieni pagament ta' €40,000 permezz ta' bank draft datat 17 ta' Awissu 2018.

B'kunsens preventiv wieħed għandu jifhem kunsens mogħti minn qabel (prior consent). Fil-kuntest li għandha quddiemha l-Qorti l-eċċezzjoni formali tal-konvenut fir-rigward għandha tinftehem illi skond il-konvenut huwa ħallas il-pagamenti tardivament wara li kien jottjeni il-kunsens tal-attriċi.

Eżami tal-atti juri illi l-attriċi qatt ma tat il-kunsens preventiv tagħha għall-ħlasijiet tardivi.

Għall-kuntrarju li jirriżulta huwa li l-pagamenti tardivi kienu ir-regola, li dawn il-pagamenti tardivi ma kienux isiru bil-kunsens tal-attriċi, u li l-avukat tal-attriċi kien kontinwament jiġbed l-attenzjoni tal-konvenut illi l-attriċi kienet qed tinsisti miegħu li l-konvenut għandu jonora l-kondizzjonijiet stipulati fit-transazzjoni.

Minn dan ir-rendikont dettaljat tal-pagamenti effettwati joħroġ ċar illi kuntrarjament għall-eċċezzjoni mressqa mill-konvenut, mhux minnu illi huwa effettwa dawn il-pagamenti tard wara li ottjena l-kunsens preventiv tal-attriċi. Id-deċiżżjoni li l-pagamenti jsiru tardivament ma kenitx riżultat ta' xi ftehim mal-attriċi għal dilazzjoni fil-ħlas dovut iżda deċiżżjoni unilaterali tal-konvenut mingħajr ebda konsultazzjoni u wisq anqas adeżżjoni da parti tal-attriċi.

Ikkunsidrat;

Rinunzja Taċita.

Fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu il-konvenut jgħid illi il-pagamenti li huwa kien qed jeffettwa kienu bl-intendiment li qed iħallas is-somma ta' €600,000 u mhux is-somma ta' €900,000. Jirreferi għall-waħda millaħħar komunikazzjonijiet li huwa kellu mal-avukat tal-attriċi datata 2 ta' Lulju 2018 fejn jiddikjara li wara li jsir il-ħlas tal-bilanċ li kien għad fadal din il-kwistjoni kienet ser tiġi magħluqa. Jissottometti illi la wara dik l-aħħar komunikazzjoni, la wara l-aħħar pagament minnu effettwat u fl-ebda waqt bejn l-1 ta' Lulju 2013 u l-1 ta' Lulju 2018 ma qatt intalab mill-attriċi sabiex iħallas xi ammont aktar mis-somma ta' €600,000.

Il-konvenut jiddeskrivi dan l-aġir tal-attriċi bħala "rinunzja tacita tal-konservazzjoni tad-dritt" tagħha li tfittex għas-somma ta' €300,000.

[12] Are paġna 44 tal-proċess

Skond il-konvenut, il-fatt li l-attriċi kienet konsapevoli li l-konvenut ma kienx qed jonora t-termini għall-pagamenti stipulati fit-transazzjoni u ma għamlet xejn fir-rigward jindika li hija kienet effettivament irrinunzjat għad-dritt tagħha li teżiġi l-ħlas tas-somma ta' €300,000 minħabba ħlasijiet tardivi. Għalhekk jirribadixxi illi l-aġir tal-attriċi jikkostitwixxi rinunzja taċita tal-konservazzjoni tad-dritt tagħha kif stipulat fi klawsola 4.3 tat-transazzjoni.

Dwar dan l-aspett tal-vertenza, matul it-trattazzjoni finali l-avukat tal-attriċi jissottometti illi il-posizzjoni li l-konvenut ħa fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu meta jirreferi għal rinunzja da parti tal-attriċi tikkuntrasta mal-eċċezzjoni li l-konvenut ressaq dwar il-mertu fejn imkien ma ġiet eċċepita r-rinunzja iżda ġie eċċepiet illi kull pagament tardiv sar il-kunsens preventiv tal-attriċi.

Ikkunsidrat;

Huwa korrett l-avukat tal-attriċi meta fit-trattazzjoni finali jissottometti illi meta l-konvenut ġie għan-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu huwa ma serraħx fuq l-eċċezzjoni tal-kunsens preventiv iżda spostja d-difiza tiegħu billi argumenta li l-attriċi irrinunzjat għall-ħlas tas-somma ta' €300,000.

Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-eċċezzjoni ta' kunsens preventiv għall-ħlas tardiv ma hiex ekwivalenti għall-eċċezzjoni ta' rinunzja għad-dritt li l-attriċi teżiġi skond klawsola 4.3 tat-transazzjoni il-ħlas tas-somma ta' €300,000.

Jidher illi l-konvenut stess jaċċetta illi l-eċċezzjoni ta' kunsens preventiv ma hiex fondata tant illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu tali linja difensjonali ġiet imwarrba u spostjata għal-linja difensjonali imsejsa fuq il-pretest tar-rinunzja.

Il-Qorti tqis illi jekk il-konvenut kellu l-eċċezzjoni tar-rinunzja fi ħsiebu meta kkontesta l-kawża huwa kellu jressaqha bħala eċċezzjoni formali. Fi kwalunkwe każ u għall-finijiet ta' kompletezza ser tiddelibera wkoll dwar jekk il-pretensjoni tal-konvenut li l-attriċi irrinunzjat għad-dritt tagħha naxxenti minn klawsola 4.3 għandiex mis-sewwa.

Rinunzja ta' Dritt.

Dwar l-elementi kostitutivi rinunzja ta' dritt huwa miżmum illi "Qualunque rinunzia, non essendo generale e specifica, non riceve che stretta interpretazione" ("Sciberras -vs- Giappone, Qorti Civili, Prim' Awla, 12 ta' Ottubru, 1840). "Ir-rinunzji huma di stretto diritto u ghandhom jirrizultaw minn fatti assolutament inkonciljabbli mal-konservazzjoni tad-dritt u li juru l-volonta preciza tar- rinunzjant" ("Henry Thake -vs- Carmel sive Lino Borg", Appell, Sede Inferjuri, 25 ta' Novembru 1986). "Bla dubju r-rinunzja hija att guridiku unilaterali,

b'karattru abdikattiv in kwantu tirrizolvi ruhha fit-telf tad-dritt gja akkwistat. Ghaldaqstant iggorr l-effetti taghha imprexxindibilment mill-accettazzjoni tal-parti l-ohra. Kif spjegat mill-Laurent ("Principii di Diritto Civile", Vol. XXXII para. 126 pagna 109) ir-rinunzja hija "la manifestazione di una volonta', e la volonta' o il consenso puo manifestarsi o espressamente o tacitamente". (Anthony Scerri et. vs. Anthony Cutajar et. - Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) - 16 ta' Marzu 2005) –

Ir-rinunzja ta' dritt ma tistax tiġi preżunta iżda trid tiġi ppruvata b'mod konklussiv jekk tkun taċita, peress li r-rinunzja trid tinsorgi minn fatt ċar u evidenti li jinkludi necessarjament l-intenzjoni tar-rinunzja u li ma jistax jigi interpretat mod iehor jew iqajjem xi dubju dwar l-intenzjoni tar-rinunzjant. (Mace Developments Limited v. Ramla Developments Company Limited - Prim' Awla - 29 ta' Ottubru, 2004;

Din il-volonta dwar ir-rinunzja trid tkun ċara u pożittiva u tista' tkun deżumibbli kemm minn provi diretti kemm minn presunzjonijiet (Paolo Bonnici Limited vs. Anthony Frendo - Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri - 28 ta' Novembru 2008). F'din il-kawża appena ċitata kien hemm ftehim bil-miktub bejn il-partijiet illi s-soċjeta' attriċi tikkonsenja merkanzija lill-konvenut bi kreditu ta' 75 ġurnata bil-kondizzjoni illi kwalunkwe bilanċ dovut kien jirreka imgħax legali. Il-kwistjoni qamet peress li l-konvenut kien iħallas il-pagamenti dovuti oltre l-75 ġurnata u s-soċjeta' attriċi kienet taċċetta l-pagamenti sussegwenti ukoll tardivi mingħajr ma tirreklama l-imgħaxijiet. Meta eventwalment is-soċjeta' fittxet lill-konvenut għall-imgħax kif stipulat fil-ftehim huwa eċċepixxa r-rinunzja taċita. Kellha dan xi tgħid il-Qorti tal-Apell fir-rigward:

> "….l-ftehim kien jahseb ghar-rizerva ta' imposizzjoni ta' imghaxijiet fuq kull bilanc ta' kreditu. Dan ifisser illi kull ma kellha tipprova s-socjeta` attrici kien dak li l-konvenut, debitur taghha, kien baqa' inadempjenti. Dan fis-sens li rritardja l-pagament dovut. Ilgurisprudenza tkompli tinsenja illi "wara li tkun saret mill-kreditur din il-prova, jaqa' fuq id-debitur l-oneru li jipprova li dak l-inadempiment kien dovut ghal xi haga barranija (causa estranea) li taghha huwa ma kienx responsabbli, ………………(il-konvenut) jikkampa r-rezistenza tieghu ghall-hlas ta' l-interessi reklamati fuq id-difiza illi huwa ssalda l-kont u s-socjeta` attrici ma kienetx titolbu interessi fl-istatements li kienet tibghatlu[13]. ………………fuq id-deduzzjoni illi meta l-konvenut beda jiskonta d-debiti tieghu, l-interessi qatt ma ssemmew. Dan, la mill-kumpanija attrici u lanqas mis-salesman taghha."
>
> "Issa, apparti mill-konstatazzjoni illi, kif gja manifest, il-Credit Application Form bejn il-partijiet kien jahseb expressis ghall-imposizzjoni ta' l-imghaxijiet fuq kull kreditu bilancjali, hi sew dottrina, sew gurisprudenza konkordi, illi biex tavvera ruhha r-rinunzja espressa din trid tirrizulta minn espressjonijiet cari u univoci ( Ara Kollez. Vol. XXVIII P III p 1154) u fil-kaz ta' rinunzja tacita, minn imgieba tali, bla possibilita` ta'

[13] Fid-deċiżżjoni appellata t-Tribunal kien ikkonkluda li kien hemm rinunzja għall-imgħaxijiet pattwiti fl-iskrittura.

> interpretazzjoni diversa, li turi l-volonta` inekwivokabbli tar-rinunzjant li huwa ried jabdika d-dritt tieghu (Ara Vol. XXXIV P I p 646 u Vol. XXXVI P I p 343);………………… ir-rinunzja tacita ma tistax tidderivi mill-fatt illi l-kumpanija attrici appellanti naqset li titlob l-interessi fil-mument li waqfet ghal kollox il-facilitajiet kreditizji, jew ghax dawn l-istess interessi ma ssemmewx mis-salesman fil-mument li kkomunika lill-konvenut il-bilanc tal-kapital dovut. Dik il-kondotta inerti tal-kumpanija attrici f'dawk il-mumenti specifici ma kellhiex tigi tradotta ghal dik ta' l-abbandun tad-dritt ghall-interessi li l-ftehim kien jirrizerva ghaf-favur ta' l-istess kumpanija kreditrici."

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ odjern, jirriżulta illi l-konvenut naqas milli jressaq provi li juri b'mod inekwivoku illi l-attriċi kienet irrinunzjat għad-dritt tagħha li titlob il-ħlas tas-somma intiera ta' €900,000 fl-eventwalita' li l-konvenut ma jkunx puntwali fil-ħlasijiet li intrabat li jeffettwa.

Qari ta' klawsola 4.3 fl-isfond tal-iskrittura sħiħa ta' transazzjoni juri illi l-ftehim ta' bejn il-partijiet fil-forma ta' transazzjoni kien li l-konvenut kellu jħallas lill-attriċi s-somma ta' €900,000 u mhux is-somma ta' €600,000.

Klawsola 4.3 tistipula biss illi fl-eventwalita' li l-konvenut ikun puntwali fil-ħlas tad-diversi pagamenti miftehma allura l-attriċi "shall renounce to the remaining part of the Settlement Sum ….and provide Defendant with a full and final receipt in respect of the Settlement Sum."

Isegwi għalhekk illi l-attriċi kienet tkun obbligata li tirrinunzja għall-bilanċ ta' €300,000 jekk is-seba'pagamenti mifruxa bejn l-1 ta' Lulju 2013 u l-1 ta' Lulju 2018 jitħallsu sa mhux aktar tard mil-jum u l-ħin stipulat għal kull pagament.

Il-korrispondenza li għaddiet bejn l-avukat tal-attriċi u l-konvenut dwar il-pagamenti li kienu qed jiġu effettwati tardivament bl-ebda mod ma jistgħu b'xi mod jiġu interpretati li l-attriċi kienet qed taċċetta li tirrinunzja għal parti mis-somma miftehma ta' €900,000. L-avukat tal-attriċi baqa' kontinwament jinsisti mal-konvenut li huwa kellu jonora l-ftehim milħuq. Imkien ma jatih x'jifhem illi nonostante li l-konvenut ma kienx żamm mal-ftehim il-klijenta tiegħu kienet xorta waħda ser taħfer is-somma ta' €300,000.

Il-fatt li l-attriċi ma ħarkitx lill-konvenut għall-ammont kollu ai termini ta' klawsola oħra fil-kuntratt, u ċioe' klawsola 4.4, meta huwa beda jfalli fil-pagamenti li kien intrabat li jagħmel, ma jfissirx li l-attriċi kienet qed tirrinunzja għal xi parti mill-ammont lilha dovut.

Una volta li t-transazzjoni tistipula li l-ammont dovut kien ta' €900,000 u una volta il-konvenut ma kienx puntwali fil-ħlasijiet minnu dovuti l-attriċi ġustament stenniet illi l-konvenut iħallasha l-ammont kollu dovut mingħajr tnaqqis.

Il-Qorti ssib għalhekk illi l-eċċezzjoni tal-konvenut illi l-attriċi kienet tat il-kunsens preventiv tagħha sabiex il-konvenut jittardja fil-pagamenti pattwiti ma hiex fondata kif lanqas hija fondata s-sottomissjoni tal-konvenut illi l-attriċi irrinunzjat għad-dritt tagħha li teżigi l-pagament tas-somma ta' €900,000 fl-intier tagħha nonostante li l-konvenut ma żamx mal-ftehim.

<u>Preskrizzjoni - Artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16.</u>

Ngħaddu issa sabiex naraw jekk l-azzjoni attriċi hiex preskritta. Ilkonvenut jinvoka l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156 (f) abbinat mal-Artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili.

Artikolu 2137 jipprovdi illi:

> "Bla ħsara ta' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss."

Filwaqt li Artikolu 2156 (f) jipprovdi illi jaqgħu bil-preskrizzjoni ta' ħames snin:

> "(f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;"

Il-konvenut jissottometti fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu illi ladarba skond l-attriċi huwa kien tardiv fil-ħlas tal-pagamenti rateali sa mill-pagament dovut fil-31 ta' Diċembru 2013, allura kien f'dak il-mument li skatta t-terminu tal-preskrizzjoni fir-rigward tal-azzjoni attriċi għall-ħlas tas-somma ta' €300,000. Il-kawża odjerna ġiet intavolata mill-attriċi fid-9 ta' Novembru 2020 bil-konsegwenza, skond il-konvenut, illi l-attriċi tilfet id-dritt ta' azzjoni tagħha għal dan l-ammiont.

Min-naħa tagħha l-attriċi tissottometti fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħha illi l-konvenut ma ressaq ebda provi sabiex jissostanzja l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni minnu sollevata. L-attriċi tissottometti wkoll illi bil-pagamenti rateali li kien qed jeffettwa l-konvenut huwa kien qiegħed kull darba jinterrompli kwalsiasi terminu preskrittiv li kien qed jiddekorri.

Opportun f'dan l-istadju konsiderazzjonijiet rigwardanti l-istitut tal-preskrizzjoni.

1. L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tista' tingħata f'kull waqt tal-kawża inkluż fl-istadju tal-appell (Art. 2112 Kap. 16);

2. Il-preskrizzjoni applikabbli dwar obbligi naxxenti minn skrittura ta' transazzjoni hija ta' ħames snin (Carmelo Cini v. Joseph Cini - Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) - 22 ta' Marzu 2006);

3. Il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jagħraf il-jedd tal-parti li kontra tagħha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja (Art. 2133 Kap. 16);

4. Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll bi ħlas akkont tad-dejn dovut irrispettivament jekk il-ħlas isirx mid-debitur jew minn terz li jkun jidher għad-debitur (Art. 2134 Kap. 16);

5. Meta l-preskrizzjoni tiġi miksura, iż-żmien li jkun għadda qabel ma jgħoddx; iżda t-terminu preskrittiv jista' jibda miexi mill-ġdid (Art 2136 Kap 16);

6. Citadel Insurance plc et vs Anthony Mizzi - Qorti tal-Appell Sede Inferjuri - 16 ta' Diċembru 2015 :

> "ii. Kif qalet din il-qorti fil-kawża Luciano Martinelli nomine vs Saviour Pisani, 22 ta' Ġunju 2005: "skond orjentament ieħor "min jagħti l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni jeħtieġlu jipprova l-perkors taż-żmien statutorju skond liema terminu preskrittiv ikun applikabbli. Ikun imbagħad jispetta lill-attur-kreditur li jiddefendi lilu nnifsu billi jagħżel it-triq u l-mezzi li tagħtih il-liġi biex jinnewtralizza tali eċċezzjoni" – "Josianne Sciberras – vs- Giovanni Vella et", Appell, 21 ta' Frar 1996; "Jeremy Holland -vs- Joseph Chetcuti", Appell, 25 ta' Frar 2000; Fil-fehma ta' din il-Qorti jidher li dan l-aħħar insenjament jagħmel aktar sens ġuridiku. L-Artikolu 2107 (2), Kodiċi Ċivili jipprovdi li "l-preskrizzjoni hija wkoll mezz sabiex wieħed jeħles minn azzjoni meta l-kreditur ma jkunx eżerċita l-jedd tiegħu għal żmien li tgħid il-liġi"; Innegabilment, l-aċċertament tad-dekorrenza taż-żmien tikkostitwixxi indaġini ta' fatt u dan jimporta illi inizjalment jinkombi fuq il-konvenut li jissolleva l-preskrizzjoni, li għandu, bħala fatt, jissodisfa, bi prova essenzjali, li t-terminu statutorju preskrittiv kien għadda. Wieħed ma jridx jinsa li l-element kostituttiv ta' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni hi l-manifestazzjoni, f' sens inekwivoku, tal-volonta` tal-parti li ġġib 'il quddiem l-estinzjoni bid-dekors taż-żmien tal-kreditu azzjonat fil-konfront tiegħu. U allura loġikament hu mistenni li l-konvenut jiddeduċi, in sostenn tad-difiża tiegħu, prova tad-data tad-dekorrenza għall-iskop tal-komputa tal-perijodu preskrizzjonali";
> (....)
> iv. L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni trid tingħata tifsira restrittiva, u għalhekk jekk ikun jeżisti xi dubju dwar l-applikabilita' taż-żmien preskrittiv minn dak li jirriżulta mill-atti, tali dubju għandu jmur kontra l-eċċipjent. Dan ma jfisser bl-ebda mod li r-rikorrent huwa meħlus milli jressaq provi konvinċenti fl-istadju tal-provi fil-mertu, biex isejjes l-allegazzjonijiet tiegħu ;
> v. Il-Qorti dejjem u f'kull każ għandha l-obbligu li tistħarreġ id-data minn meta l-preskrizzjoni tibda tiddekorri. Meta mill-provi li jitressqu m'hijiex f'posizzjoni li tasal għal xi konklużjoni, għandha tiċħad l-eċċezzjoni (ara sentenza tal-Prim'Awla fl-ismijiet John Bugeja vs Joseph Gauci, 28 ta' Novembru 2002)."

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ odjern, jirriżulta illi skond it-termini tat-transazzjoni il-konvenut obbliga ruħu li jħallas lill-attriċi s-somma ta' €900,000 bil-mod kif hemm stipulat. B'dati speċifiċi dwar l-ewwel €600,000 filwaqt li dwar l-aħħar €300,000 ma ġietx indikata data peress li l-attriċi intrabtet li taħfer tali somma fl-eventwalita' li l-konvenut ikun puntwali fil-ħlas tal-pagamenti kif miftehma.

Isegwi għalhekk illi kien biss jekk il-konvenut jirnexxielu l-jħallas il-pagamenti kollha hemm miftehma b'mod puntwali li kellu jiskatta l-obbligu fuq l-attriċi li tirrinunzja għall-ħlas tal-aħħar €300,000 mis-somma pattwita ta' €900,000. Isegwi ukoll illi sakemm skattat id-data tal-ahhar pagament dovut fl-1 ta' Lulju 2018, it-terminu ta' preskrizzjoni ta' ħames snin eċċepiet mill-konvenut ma kienx għadu beda jiddekorri.

Fl-iskambju ta' korrispondenza bejn il-konvenut u l-avukat tal-attriċi insibu li l-konvenut kien kontinwament jitlob li l-attriċi tkun paċenżjuża miegħu u taċċetta li l-pagamenti li kienu qed isiru tard. Ir-raġunijiet imressqa mill-konvenut għaliex kien iħallas tard huma varji, minn raġunijiet mediċi għal dewmien fl-introjtu minnu mistenni minn bejgħ ta' immobbli għall-maturazzjoni ta' investimenti. Iżda fl-ebda waħda mill-korrispondenzi tiegħu il-konvenut ma jsemmi illi qed jeffettwa l-pagamenti tard bl-intendiment li jibqa' jibbenefika minn dak stipulat fi klawsola 4.3 tal-ftehim.

Huwa minnu li nonostante l-abitudni tal-konvenut li jħallas tard l-attriċi ma invokatx u ma enforzatx klawsola 3.4 li kienet tistipula it-telfien tal-benefiċċju tat-terminu; pero dan ma jfissirx ukoll li l-attriċi kienet qed tintrabat li xorta waħda tibqa' marbuta li tirrinunzja għas-somma ta' €300,000.

Lura għall-ftehim ta' transazzjoni, jirriżulta illi għalkemm il-partijiet ftehmu id-dati sa meta l-pagamenti komplessivament ammontanti għal €550,000 kellhom jitħallsu; mhux l-istess fir-rigward tat-€300,000. Peress li r-rinunzja għal din is-somma kienet marbuta mal-puntwalita' tal-pagamenti li l-aħħar wieħed kellu jsir sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2018, allura għandu jsegwi illi l-ftehim bejn il-partijiet kien li jekk il-konvenut ma jkunx puntwali fil-pagamenti l-aħħar parti mis-somma ta' €900,000 ammontanti għal €300,000 kellha titħallas f'xi żmien wara l-1 ta' Lulju 2018.

Il-kawża ġiet intavolata fid-9 ta' Novembru 2020, abbundantement entro t-terminu preskrittiv stipulat permezz tal-artikolu 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili invokat mill-konvenut.

Iżda, anke jekk għas-saħħa tal-argument il-konvenut għandu raġun jgħid li d-dritt tal-azzjoni għall-ħlas tas-somma bilanċjali ta' €300,000 skatta fis-sena 2013 meta ma kienx puntwali fil-ħlas tiegħu, kif rajna din is-somma ta' €300,000 ma ġietx konsidrata fit-transazzjoni bħala

somma appartata mill-kumplament iżda tagħmel parti mis-somma intiera ta' €900,000 stabbilita bħala l-ammont dovut mill-konvenut lill-attriċi.

Una volta s-somma ta' €300,000 kienet formanti parti mis-somma intiera ta' €900,000, kull pagament akkont li l-konvenut kien qed jeffettwa, puntwali jew mhuwiex, kien qiegħed kull darba jinterrompi l-preskrizzjoni fir-rigward tal-bilanċ dovut tas-somma intiera ta' €900,000 u mhux biss fir-rigward tas-somma ta' €600,000. Konsegwentement huwa għal din il-Qorti mill-aktar evidenti illi anke fl-ipotesi li t-terminu preskrittiv fir-rigward tas-somma ta' €300,000 bħala formanti parti mis-somma intiera ta' €900,000 skatta fil-jum li fiħ il-konvenut kien għall-ewwel darba tardiv fil-ħlasijiet tiegħu, jikkonsegwi illi kull pagament li huwa effettwa bejn is-sena 2013 u s-sena 2018 kien qiegħed kull darba jinterrompi l-preskrizzjoni invokata mill-konvenut taħt Artikolu 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili bil-konsegwenza illi ma għaddewx ħames snin bejn l-aħħar pagament akkont effettwat mill-konvenut fil-31 ta' Awissu 2018 u d-data tal-preżentata tal-kawża odjerna fid-9 ta' Novembru 2020.

Konsegwentement l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut qegħda tiġi respinta.

Miċħuda l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut sew ta' preskrizzjoni sew fil-mertu il-Qorti tqis illi mill-provi miġjuba l-attriċi ppruvat sodisfaċentement illi l-konvenut huwa kreditur tagħha fis-somma ta' tlett mitt elf ewro (€300,000) rappreżentanti bilanċ mis-somma ta' €900,000 l-ammont li l-konvenut obbliga ruħu li jħallas lill-attriċi skond l-iskrittura ta' transazzjoni ta' bejn il-partijiet datata 5 ta' Ottubru 2012."

5. Rat ir-rikors tal-appell tal-avukat Dottor Pio M. Valletta, li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Ewwel Qorti tas-27 ta' Ottubru, 2022, kwantu din ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u kwantu laqgħet it-talbiet tal-attriċi appellata u filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut appellant, tirrespinġi t-talbiet tal-attriċi appellata, b'dan li l-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi jintrefgħu mill-attriċi appellata.

6. Rat ir-risposta tal-appell ta' Elnara Shorazova, kif rappreżentata mill-mandatarju speċjali tagħha, l-Avukat Dr. Louis Cassar Pullicino, li permezz tagħha wieġbet li din il-Qorti għandha tiċħad l-appell interpost mill-appellant, bl-ispejjeż, filwaqt li din il-Qorti għandha tikkonferma s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-27 ta' Ottubru, 2022, fl-ismijiet premessi. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant.

7. Rat li bis-saħħa tal-emendi li daħlu permezz tal-Att XXXII tas-sena 2021, il-Qorti ngħatat is-setgħa sabiex tgħaddi għas-sentenza u dan a tenur tal-Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u wara li rat il-proċeduri bil-miktub, ma tqisx meħtieġ li jingħata smigħ u għalhekk ser tgħaddi minnufih għas-sentenza;

8. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

9. Illi permezz ta' din il-kawża, l-attriċi qegħda ssejjes il-pretensjoni tagħha għall-ħlas tas-somma ta' €300,000 fuq ftehim li hija laħqet mal-konvenut fil-5 ta' Ottubru, 2012, fejn issostni li l-konvenut iddekada mill-benefiċċju ta' skont lilu mogħti. Dan il-ftehim kien jipprovdi li l-attriċi kienet kreditriċi tal-konvenut fis-somma ta' €900,000, iżda bl-intendiment li l-partijiet jittransiġu l-kwistjonijiet bejniethom, kellu jsir ħlas ta' darba tas-

somma dovuta, skont skeda ta' ħlasijiet li kellhom isiru b'total ta' €600,000 fuq medda ta' sitt snin. F'każ li jsiru l-ħlasijiet fil-ħin skont l-iskeda pattwita, l-attriċi kienet lesta li tirrinunzja għar-rimanenti €300,000. Iżda konsegwenza tad-dewmien fil-ħlas da parti tal-konvenut, l-attriċi qegħda tippretendi l-ħlas tal-bilanċ tas-somma ta' €300,000 skont l-istess ftehim u li l-konvenut jiġi kkundannat iħallas l-imsemmija somma, flimkien mal-imgħax, skont il-liġi.

10. Min-naħa tal-konvenut jitressqu s-segwenti eċċezzjonijiet prinċipali:

(i) li l-azzjoni attriċi hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili; (ii) l-attriċi dejjem tat il-kunsens preventiv tagħha meta l-ħlas sar mhux skont id-data stipulata fil-ftehim ta' tranżazzjoni; (iii) għalkemm il-ftehim ta' tranżazzjoni kien jipprovdi għal ħlasijiet rateali fis-somma maqbula, f'dati determinati, fl-eventwalità li dawn ma jitħallsux fid-dati miftehma, l-ammont ta' €300,000 li kellu jgħaddi għand il-konvenut bħala ħlas għas-servizzi professjonali tiegħu, jsir dovut; u (iv) tul dawn is-snin l-attriċi qatt ma pprotestat dwar it-tardività fil-ħlas u qatt ma kkomunikat mal-konvenut b'xi talba għal dak li issa qegħda tressaq permezz tal-kawża odjerna.

11. L-Ewwel Qorti, permezz tas-sentenza appellata ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut, inkluż dik tal-preskrizzjoni u filwaqt li laqgħet it-talbiet attriċi, iddikjarat li kawża tad-dewmien u morożità fil-ħlas tal-pagamenti dovuti mill-konvenut lill-attriċi skont il-ftehim ta' tranżazzjoni tal-5 ta' Ottubru, 2012, milħuq bejniethom, l-istess konvenut iddekada mill-iskont li kien ikun intitolat għalih f'każ li onora l-obbligi tiegħu ta' ħlas fiż-żmien stipulat skont klawsola 4.3 tal-istess ftehim; iddikjarat li l-attriċi għandha dritt tirċievi u titlob mingħand il-konvenut il-ħlas tas-somma bilanċjali ta' €300,000 u kkundannat lill-konvenut iħallas lill-attriċi l-imsemmija somma ta' €300,000, bl-imgħax legali mill-4 ta' Jannar, 2021, data tan-notifika tar-rikors ġuramentat lill-konvenut, sad-data tal-pagament effettiv. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

12. Il-konvenut ħass ruħu aggravat bl-imsemmija sentenza u għalhekk interpona appell minnha. L-appell tal-konvenut jissejjes fuq tliet aggravji:

Fl-ewwel aggravju tiegħu, il-konvenut appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti qalet li l-konvenut ma ressaq l-ebda prova li l-imsemmija somma ta' €300,000 kienet tirrappreżenta d-drittijiet professjonali tiegħu u li l-ftehim ta' tranżazzjoni mkien ma jipprovdi li din is-somma kienet dovuta mill-attriċi bħala drittijiet professjonali u li l-konvenut naqas milli jressaq provi bħal fatturi li jissostanzjaw l-allegazzjoni tiegħu. Mentri l-appellant jikkontendi li d-dikjarazzjoni maħlufa tiegħu fis-sens li l-imsemmija

somma ta' €300,000 kienet tirrappreżenta d-drittijiet professjonali tiegħu ma ġiet kontradetta bl-ebda mod, wara kollox l-istess rikors ġuramentat tal-attriċi jagħmel referenza għall-kwistjonijiet dwar ħlas ta' servizzi professjonali. Kwindi kellu jkun ovvju għall-Ewwel Qorti li l-iskont maħsub fil-ftehim ta' tranżazzjoni kien marbut mal-ħlas tad-drittijiet professjonali u mhux ma' xi donazzjoni f'għamla ta' skont.

13. Għalkemm għandha raġun l-attriċi appellata, meta tgħid fir-risposta tal-appell tagħha, li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk mhux għal xi raġuni gravi u impellenti, iżda min-naħa l-oħra, din il-Qorti xorta għandha s-setgħa tikkoreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat, irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Anzi, f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabbilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Diċembru, 2018, fil-kawża fl-ismijiet **Dr. Antoinette Cutajar v. l-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim'Ministru et**). Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, jeħtieġ li din il-Qorti tifli mill-ġdid il-provi in atti, fil-qafas tal-kriterji legali applikabbli, filwaqt li tqis l-aggravji tal-konvenut appellant.

14. Illi għandu jingħad mal-ewwel li, din il-Qorti ma taqbel xejn mal-ewwel aggravju tal-konvenut appellant. Minn eżami tal-ftehim ta'

tranżazzjoni tal-5 ta' Ottubru, 2012, l-unika parti fejn jissemmew id-drittijiet professjonali li setgħu kienu b'xi mod dovuti lill-konvenut, huwa fil-paragrafu C tal-premessi tal-istess kuntratt, fejn jingħad li l-konvenut kellu kawża pendenti li kienet iġġib referenza 1028/2011 fil-konfront tal-attriċi u Rakhat Aliyev. Iżda skont l-istess ftehim, il-konvenut, fost diversi obbligi u affarijiet oħra, intrabat li jirtira dik il-kawża, kif ukoll kull mandat kawtelatorju li seta' nħareġ b'rabta mal-istess proċeduri. Ma tirriżulta l-ebda klawsola oħra fl-istess ftehim fejn saret riżerva da parti tal-konvenut dwar l-imsemmija drittijiet professjonali.

15. F'dan il-kuntest, issir referenza għall-prinċipju kardinali li jirregola l-istitut tal-kuntratti jiġifieri li r-rabta kuntrattwali għandha tiġi rispettata, peress li r-rieda tal-kontraenti, kif tirriżulta mill-konvenzjoni għandha tipprevali u trid tiġi osservata – *pacta sunt servanda.* Din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tagħha fil-kawza fl-ismijiet **John Zammit v. Michael Zammit Tabone pro et noe** deċiża fit-28 ta' Frar, 1997, fejn hemm ingħad illi:

> *"Meta l-kliem ta' l-att huma cari, l-interpretu ghandu joqghod ghal dawn il-kliem u mhux jirrikorri ghall-kongetturi" (Vol. XXXVI.i.191). Skond kif osservat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza 'Sciberras Trigona vs Aneico' deciza fis-6 ta' Ottubru 1883, "quando le parole dell'atto sono chiare si deve stare alla lettera dell'atto". U f'dan il-kaz, kif jiddikjaraw u jaqblu l-kontendenti, il-kliem fuq riportati huma cari u univoci – anke jekk huma jaslu ghall-konkluzjonijiet dijametrikament opposti dwarhom. Pero' fl-applikazzjoni tar-regoli ta' interpretazzjoni ma hijiex l-interpretazzjoni tal-kontendenti ghall-kliem tal-konvenzjoni jew is-sens divers minnhom lilhom mghoti li jiswa imma hu l-qari oggettiv tal-gudikant li jaghti lill-kliem is-sens ordinarju tieghu fil-kuntest ta' kif gie uzat mill-kontraenti li ghandu jghodd. Jekk ghall-*

> *gudikant id-dicitura uzata ma tistax ma twassalx oggettivament ghal sens car u univoku, hu dan is-sens li ghandu jfisser il-volonta' espressa mill-kontraenti fil-konvenzjoni taht ezami. Hu biss "meta t-termini tal-kuntratt huma oskuri li jrid jigi konsidrat dak li l-partijiet kontraenti riedu…. Hija norma ta' interpretazzjoni stabbilita mill-ligi, illi meta l-espressjonijiet fil-konvenzjoni skond is-sens lilhom attribwit mill-uzu fl-epoka tal-kuntratt, huma cari, m'hemmx lok ghal ebda interpretazzjoni" (Vol.XXXIV.i.27)."*

16. Dan kollu jirrifletti prinċipju ieħor assodat, li *contra scriptum testimonium non scriptum non fertur*. Kif ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tas-26 ta' Marzu, 2010, fil-kawża fl-ismijiet: **Dr. Raymond Pace nomine v. Salvatore Xuereb et** fejn ingħad ukoll:

> *"…d-drittijiet tal-kontraenti jirrizultaw minn dak li hemm miktub fil-kuntratt u mhux minn xi hsieb ta' parti jew ohra mill-kontraenti, u meta dak li hemm fil-kuntratt jirrizulta car mhux lecitu li l-Qorti tapplika r-regoli ta' interpretazzjoni billi dawn huma eccezzjoni ghar-regola enuncjata fl-Artikolu 1002 u cioe` li meta l-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghall-interpretazzjoni."*

Imkien fl-imsemmi ftehim ta' tranżazzjoni ma jingħad li s-somma ta' €300,000 tirrappreżenta id-drittijiet professjonali tal-konvenut appellant. Li kieku l-intendiment bejn il-kontraenti kien li jitwarrab il-ħlas ta' €300,000 bħala ħlas għad-drittijiet professjonali tal-konvenut, wieħed kien jistenna li l-konvenut appellant jinsisti li dan jitniżżel ċar fl-imsemmi kuntratt, aktar u aktar meta wieħed jikkunsidra li l-konvenut appellant huwa avukat b'numru ta' snin t'esperjenza.

17. Dan apparti li, kuntrarjament għal dak li jingħad mill-istess appellant fl-aggravju tiegħu, l-attriċi appellata f'paragrafu 12 tal-affidavit tagħha

tisħaq li *" I wish to make it clear that the €300,000 reduction in the sum due on condition that Dr. Valletta makes the repayments on time was absolutely not some form of professional fees due to Dr. Valletta."* Isegwi li l-Ewwel Qorti kellha raġun tikkonkludi li fin-nuqqas ta' provi li jsostnu dak eċċepit u dikjarat mill-konvenut, ma kellhiex triq oħra ħlief tiskarta dak allegat mill-istess konvenut. Wara kollox, prinċipju ieħor kardinali huwa li, *incumbit probatio ei qui dicit non ei qui negat,* jiġifieri jispetta lil min jallega li jipprova. Għalhekk sempliċi dikjarazzjonijiet li ma jkunux sostnuti minn provi oħra konkreti, diffiċilment inisslu fil-ġudikant dak il-konvinċiment meħtieġ sabiex tali allegazzjoni tingħata l-kredibilità meħtieġa, aktar u aktar meta l-provi fl-atti aktar jagħtu sostenn lit-teżi tal-kontroparti. Il-kawżi jiġu deċiżi fuq provi u mhux sempliċi dikjarazzjonijiet. Magħdud dan kollu, jsegwi li l-ewwel aggravju tal-konvenut appellant ma jimmeritax li jiġi milqugħ.

18. Imiss li jiġi trattat it-tieni aggravju, dak fejn il-konvenut appellant jilmenta li l-azzjoni attriċi għall-ħlas tas-somma ta' €300,000 hija msejsa fuq il-kawżali li l-morożità fil-ħlas u konsegwenti dekadenza mill-benefiċċju ta' skont mogħti mis-somma dovuta, qegħda ssir aktar minn seba' snin wara li l-attriċi kienet intitolata li titlobha. Kwindi jsostni li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ngħad minnha li ma kenitx indikata data, jew li kien biss jekk il-konvenut jirnexxielu jħallas il-pagamenti kollha miftehma b'mod puntwali li kien jiskatta l-obbligu fuq l-attriċi li tirrinunzja

għall-ħlas ta' €300,000 mis-somma ta' €900,000 pattwita. Għalhekk il-konvenut jisħaq li, meta seħħet l-ewwel morożità, l-attriċi setgħet titlob l-inapplikabbilità tar-rinunzja għall-ħlas ta' €300,000. Kwindi jargumenta li l-ewwel Qorti kienet żbaljata wkoll meta rriteniet li sakemm skattat id-data tal-aħħar pagament dovut fl-1 ta' Lulju, 2018, it-terminu ta' preskrizzjoni ta' ħames snin eċċepit mill-konvenut ma kienx għadu beda jiddekorri, peress li jikkontendi li t-terminu preskrittiv beda għaddej mid-data meta seħħ l-ewwel ħlas tardiv, kwindi seħħet il-morożità u konsegwenti dekadenza. Ikompli jfisser li, il-fatt li l-attriċi appellata ma nvokatx id-dritt għat-telfien mill-benefiċċju tat-terminu, flimkien mal-fatt li l-azzjoni odjerna tressqet żmien twil wara l-aħħar pagament, kellu jinftiehem li t-teżi tal-konvenut li kien hemm kunsens preventiv tal-attriċi dwar il-pagamenti tardivi hija verosimili. Jilmenta li l-Ewwel Qorti ma tat l-ebda piż lil dan, li tnissel dubju fil-konvenut dwar kemm il-każ ġie deċiż bil-ħaqq mistenni.

19. Inoltre, il-konvenut isostni li l-kwistjoni dwar jekk l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma kellhiex tiġi miżurata fuq jekk is-somma ta' €300,000 kenitx formanti parti mis-somma intiera ta' €900,000, iżda jekk meta seħħet il-morożità u l-konsegwenti dekadenza, skattax id-dritt tal-azzjoni għad-dikjarazzjoni ta' morożità u dekadenza u jekk l-azzjoni spettanti lill-attriċi saritx entro t-terminu preskrittiv. Għalhekk il-konvenut appellant itenni li l-azzjoni attriċi kif imressqa, għall-ħlas tal-ammont ta' €300,000 għandu rabta diretta mat-talba ġudizzjarja għad-dikjarazzjoni ta' morożità

u dekadenza u ma kellux jiġi diskostat minn tali talba u għalhekk il-preskrizzjoni nvokata minnu ma tirrigwardax il-ħlas tal-ammont, iżda tirrigwarda l-azzjoni għad-dikjarazzjoni ta' morożità u dekadenza. Konsegwentement jingħad minnu li l-ħlasijiet li seħħew, bl-ebda mod ma jinterrompu l-preskrizzjoni nvokata fir-rigward tal-azzjoni għad-dikjarazzjoni ta' morożità u dekadenza.

20. Jibda billi jingħad li s-somma ta' €300,000 mitluba mill-attriċi mhix waħda magħmula fil-għama kif ġieb u laħaq, iżda saret f'kuntest speċifiku. Kif jirriżulta mill-premessi tar-rikors promotur, il-kontendenti fil-kawża kienu laħqu ftehim ta' tranżazzjoni bejniethom, li huwa rifless fil-kuntratt tal-5 ta' Ottubru, 2012. F'dan il-kuntratt jingħad li s-somma li kellu jħallas il-konvenut lill-attriċi bħala "*settlement sum*" kienet dik fl-ammont totali ta' €900,000 (kif tirriżulta mid-definizzjoni, kif ukoll klawsola 3 tal-istess kuntratt), liema somma jingħad li għandha titħallas għal darba skont kif stabbilit fl-istess kuntratt. Għalhekk is-somma ta' €300,000 hija parti ntegrali mis-somma totali ta' €900,000. Il-klawsola kruċjali għad-determinazzjoni tal-kawża odjerna hija dik bin-numru 4, li tipprovdi:

> *"4.1 The Defendant is hereon paying the sum of Euro fifty thousand (€ 50,000.00) on account of the Settlement Sum, by means of cheque number 5161 drawn on Bank of Valletta plc, for which Claimant hereby tenders due receipt.*
>
> *4.2 Thereafter the Defendant shall make further payments by way of Bank draft or in cash on account of the Settlement Sum in the following manner, namely:*
> *(a) Forty-two thousand Euro (€42,000.00) by not later than 1st July, 2013;*

*(b) Fifty Thousand Euro (€50,000.00) by not later than 31st December, 2013;*
*(c) Ninety-two Thousand Euro (€92,000.00) by not later than 1st July 2014;*
*(d) Ninety-two Thousand Euro (€92,000.00) by not later than 1st July 2015;*
*(e) Ninety-two Thousand Euro (€92,000.00) by not later than 1st July 2016;*
*(f) Ninety-two Thousand Euro (€92,000.00) by not later than 1st July 2017;*
*(g) Ninety thousand Euro (€90,000.00) by not later than 1st July 2018; (each date hereinafter referred to as a "Payment Date")."*

*4.3* ***<u>In the event that</u> Defendant makes all the payments on account of the Settlement Sum as contemplated in clause 4.1 and 4.2 and punctually*** *(meaning by not later than 5pm Malta time on each Payment Date), the Claimant shall renounce to the remaining part of the Settlement Sum due in the sum of three hundred thousand Euro (€300,000) and provide Defendant with a full and final receipt in respect of the Settlement Sum."*

*4.4* ***<u>In the event that</u> Defendant fails to make any payment or part thereof in the manner set out in clause 4.1 and 4.2 and punctually, Defendant shall forfeit the benefit of time granted in accordance with said clauses 4.1 and 4.2 and consequently the Settlement Sum (€900,000) shall be due in its entirety and consequently Defendant shall forfeit any benefit granted to him in accordance with clause 4.3*** *and Defendant further agrees that he shall pay Claimant the entire sum of Claimant's Court expenses including legal fees due in respect of the Released Claims and in respect of the Related Claims."*
(enfasi u sottolinjar ta' din il-Qorti).

21. Minn qari ta' dawn il-klawsoli, jirriżulta b'mod ċar x'kien il-ftehim maqbul bejn il-partijiet, kontendenti f'din il-kawża. Filwaqt li sar pagament ta' €50,000 fuq l-imsemmi kuntratt bħala ħlas akkont tas-*settlement sum* (ċjoè tad-€900,000), il-konvenut ingħata skeda preċiża kif kellu jwettaq il-ħlas ta' €550,000. L-attriċi kienet lesta li tirrinunzja għall-ħlas tal-bilanċ ta' €300,000, bil-kundizzjoni li titħallas is-somma ta' €600,000 fil-ħin skont l-istess skeda. Hija l-fehma ta' din il-Qorti, li bl-użu tal-kliem "*in the event that*", l-attriċi ntrabtet b'kundizzjoni dik li jekk il-konvenut iħallas skont l-

iskeda ta' ħlasijiet, tirrinunzja għall-ħlas ta' €300,000. Hekk ukoll, il-benefiċċju tal-iskont li l-konvenut seta' jieħu mill-ħlas fil-waqt, kien suġġett għall-kundizzjoni, dik li jintilef l-iskont f'każ li ma jsirx kwalunkwe ħlas jew parti minnu fil-waqt, skont kif pattwit. F'dan l-istadju titqies relevanti t-tifsira li tingħata ta' obbligazzjoni kondizzjonali fil-liġi u ssir referenza għall-Artikolu 1052 tal-Kodiċi Ċivili li tipprovdi: "*l-obbligazzjoni hija kondizzjonali meta tkun magħmula li tiddependi minn ġrajja mhux żgura u li għad trid tiġri, sew billi l-obbligazzjoni tinżamm sospiża sakemm il-ġrajja tiġri, kemm billi tiġi maħlula kemm-il darba l-ġrajja tiġri jew ma tiġrix*." Fil-każ in eżami, l-obbligazzjoni ta' rinunzja għall-ħlas ta' €300,000 inżammet sospiża għaliex suġġetta għall-kundizzjoni li l-ħlas ta' €600,000 isir fil-waqt skont l-iskeda hawn qabel ċitata. Mhuwiex kontestat da parti tal-konvenut li ma żammx mal-iskeda ta' ħlas kif stabbilita fil-kuntratt. In-nuqqas tal-konvenut li joqgħod mal-iskeda tal-ħlas kif pattwit, wassal sabiex huwa ddekada mill-benefiċċju tal-iskont. Kwindi din il-Qorti taqbel ma' dik ta' qabilha fis-sens li kien biss f'każ li l-konvenut iħallas il-pagamenti b'mod puntwali, li kien jiskatta l-obbligu tal-attriċi li tirrinunzja għas-somma ta' €300,000. Fin-nuqqas tal-konvenut li joqgħod għall-obbligazzjoni tiegħu li jħallas fil-waqt, ma jistax issa jippretendi li l-attriċi tirrinunzja għall-ħlas tal-bilanċ ta' €300,000.

22. Din il-Qorti lanqas taqbel mal-konvenut appellant meta jressaq l-argument li l-fatt li l-attriċi ma nfurzatx il-klawsola 4.4 tal-kuntratt fis-sens

li hekk kif kien moruż l-ewwel darba, hija ma nvokatx id-dritt għat-telfien mill-benefiċċju tat-terminu ssostni t-teżi tiegħu tal-kunsens preventiv. Kif ġustament qalet l-Ewwel Qorti, il-kunsens preventiv huwa dak il-kunsens li jiġi miksub qabel ma jsir pagament tardiv u mhux wara li jkunu għadda ż-żmien pattwit. Apparti li minn eżami tal-atti jirriżulta assodat li kull pagament li sar mill-konvenut wara li ġie ffirmat il-ftehim, sar b'mod tardiv, daqqa bi ftit ġranet u daqqa wara li kienu għaddew bosta xhur, il-fatt li l-attriċi kienet taċċetta l-ħlas tardiv, bl-ebda mod ma jista' jingħad li l-attriċi kienet qegħda taqbel mal-metodu adottat mill-konvenut meta kien qiegħed iwettaq il-ħlasijiet tardivament. Kif jirriżulta ampjament mill-kontroeżami tal-attriċi (ara fol. 130) hija qatt ma tat xi kunsens minn qabel li l-ħlasijiet isiru b'mod tardiv, anzi meta kienet tkun mgħarrfa li kien ser isir pagament tardiv, hija kienet tinsisti li l-konvenut kellu jżomm mal-ftehim. Dan kollu jinsab rifless ukoll fix-xhieda in kontroeżami tal-avukat Anthony Cremona (ara fol. 136) fejn saħansitra jispjega li l-attriċi ma kienx ikollha wisq għażla ħlief li taċċetta l-pagamenti li kienu jsiru tard, peress li fl-aħħar mill-aħħar kienet qegħda tipprova tiġbor lura l-flus dovuti lilha. Kif ġustament rilevat mill-appellata fir-risposta tal-appell tagħha, meta tagħmel referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti (sede inferjuri) fil-kawża fl-ismijiet **Gemma Fenech v. John Bugeja,** deċiża fl-20 ta' Ottubru, 2003, il-fatt li l-kreditur jieħu paċenzja bid-debitur li unilateralment ibiddel il-modalità ta' ħlas, ma jfissirx li jkun hemm ftehim ġdid fuq il-mod ta' ħlas. Lanqas il-fatt li l-kreditur jaċċetta pagament tardiv ma jfisser li jkun hemm

ratifika jew aċċettazzjoni ta' ħlas differenti minn dak pattwit fl-iskrittura ta' ftehim, jew xi rinunzja oħra tad-drittijiet da parti tal-kreditur.

23. Inoltre, kif ingħad qabel, f'paragrafu 21, l-obbligi riżultanti minn klawsoli 4.3 u 4.4 huma suġġetti għall-kundizzjoni. Għalkemm l-attriċi appellata setgħet tfittex lill-konvenut għall-morożità fil-ħlas u għad-dekadenza mill-benefiċċju tat-terminu u tal-iskont mogħtija lilu mal-ewwel pagament moruż li seħħ, fil-verità d-dritt tal-attriċi li titlob li huwa ddekada mill-benefiċċju taż-żmien skont il-klawsola 4.4 tal-kuntratt huwa marbut ma' kull pagament jew parti minnu li hemm elenkat fl-iskeda ta' ħlasijiet fil-klawsola 4.2 tal-kuntratt, mentri l-kundizzjoni fil-klawsola 4.3 hija li l-iskont huwa marbut mal-fatt li l-ħlasijiet kollha jsiru skont l-iskeda. Dan ifisser li l-azzjoni attriċi għall-ħlas tas-somma ta' €300,000 li hija marbuta mad-dikjarazzjoni ta' morożità u dekadenza hija ntrinsikament marbuta ma' kull pagament li seħħ. Fuq kollox, kif jiddisponi l-Artikolu 2125(a) tal-Kodiċi Ċivili, l-preskrizzjoni hija sospiża "*kwantu għall-jeddijiet kondizzjonali, sakemm il-kondizzjoni ma sseħħx.*"

24. Meta obbligazzjoni tkun kundizzjonata, kwalunkwè terminu preskrittiv ma jibdix jiddekorri jekk mhux wara li tkun seħħet dik il-kundizzjoni. Ġaladarba l-obbligazzjoni ta' ħlas kienet marbuta mal-iskeda ta' ħlasijiet riżultanti mill-kuntratt, din il-Qorti, taqbel mal-Ewwel Qorti li l-preskrizzjoni ma setgħetx tibda miexja hekk kif l-obbligu tal-attriċi li

tirrinunzja għall-ħlas ta' €300,000 kien suġġett għall-kundizzjoni li jsiru xejn inqas minn seba' pagamenti f'waqt speċifiku. Għalhekk, hekk kif l-obbligazzjoni hija marbuta ma' kondizzjoni kif inhu f'dan il-każ, kull darba li l-konvenut kien qiegħed ikun moruż fil-ħlas, kien qiegħed jiskatta mill-ġdid il-jedd tal-attriċi li tfittex lill-konvenut għall-morożità fil-ħlas u konsegwenti dekadenza kemm mill-benefiċċju tat-terminu, kif ukoll tal-iskont mogħti skont il-klawsola 4.4. Għall-istess raġunijiet imfissra qabel f'paragrafu 22, il-fatt li l-attriċi setgħet warrbet il-jedd tagħha li tfittex lill-konvenut għad-dekadenza mill-benefiċċju tat-terminu, ma jfissirx li hija rrinunzjat ukoll għall-jedd tagħha li tfittex lill-konvenut għad-dekadenza mill-benefiċċju tal-iskont (ta' €300,000). Għalhekk, ġaladarba kien hemm il-morożità fl-aħħar pagament dovut, jiġifieri dak tal-1 ta' Lulju, 2018, skatta mill-ġdid il-jedd tal-attriċi li tfittex lill-konvenut għad-dikjarazzjoni ta' dekadenza mill-benefiċċju tal-iskont konsegwenza tal-morożità fil-ħlas u għall-ħlas tal-bilanċ ta' €300,000, skont li l-konvenut tilef, hekk kif għal darb'oħra, il-konvenut naqas milli josserva l-kundizzjoni tal-ħlas fil-waqt, meta kien moruż fil-pagament li wettaq. Isegwi li t-tieni aggravju tal-konvenut appellant ukoll ma jreġix u ma jistax jintlaqa'.

25. Jonqos li jiġi trattat it-tielet aggravju, fejn il-konvenut appellant jikkontesta r-raġunament tal-Ewwel Qorti meta jingħad minnha li bil-ħlasijiet li wettaq il-konvenut, inkiser il-perjodu preskrittiv peress li l-konvenut b'hekk għaraf il-jedd tal-attriċi. Huwa jagħmel referenza għall-

ġurisprudenza estensiva, fis-sens li sabiex ikun hemm rinunzja tal-preskrizzjoni jeħtieġ li l-għarfien jew rikonoxximent tad-dejn ikun ċar u inekwivoku sabiex isseħħ l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni, mentri huwa fl-ebda mument tul dawn is-snin la ġie rinfaċċjat b'xi talba sabiex l-ammont ta' €300,000 jiġi mħallas, u wisq anqas seta' jirrikonoxxi b'mod ċar, dirett u univoku l-jedd pretiż mill-attriċi f'din il-kawża. Il-konvenut jagħmel referenza għall-fatt li bejn meta wettaq l-ewwel pagament (fl-2013) u meta wettaq l-aħħar pagament (fl-2018) mis-somma ta' €600,000, kif ukoll bejn meta wettaq l-aħħar pagament sa meta nfetħet il-kawża odjerna, huwa qatt ma ntalab sabiex iħallas l-ammont mitlub f'din il-kawża, konsegwenza tal-morożità fil-ħlas u d-dekadenza li segwiet. Isostni li kien ikun hemm ksur ta' preskrizzjoni li kieku l-attriċi nvokat id-dritt tagħha u talbet il-ħlas tas-somma sħiħa u huwa baqa' jħallas, iżda l-ħlasijiet li huwa wettaq kienu skont l-obbligi fil-klawsoli 4.1 u 4.2 tal-kuntratt, li kienu nieqsa minn xi rikonoxximent ċar, dirett u univoku tal-jedd tal-attriċi li titlob id-dekadenza kawża tal-morożità fil-pagamenti magħmula. Jisħaq li kien jispetta lill-attriċi tipprova li huwa kien irrikonoxxa d-dritt tagħha li titlob il-ħlas kawża tal-morożità u dekadenza, prova li jinsisti li ma saritx. L-ewwel darba li huwa ġie rinfaċċat b'talba formali sabiex iħallas is-somma ta' €300,000, kien meta ġiet ippreżentata l-kawża odjerna.

26. Jilmenta li l-Ewwel Qorti skartat l-argument fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu li l-attriċi kienet irrinunzjat għad-drittijiet tagħha

peress li rriteniet li dan jikkuntrasta mal-eċċezzjoni tiegħu fil-mertu, li kull pagament tardiv sar bil-kunsens preventiv tal-attriċi, mingħajr ġustifikazzjoni legali.  Mentri huwa jsostni li l-argument tar-rinunzja huwa ntrinsikament marbut mal-eċċezzjoni tal-kunsens preventiv, peress li meta l-attriċi appellata tat il-kunsens preventiv, hija kienet qegħda tirrinunzja għad-dritt tagħha li titlob dikjarazzjoni ta' morożità u ta' dekadenza u konsegwentement il-ħlas tas-somma ta' €300,000. Jiddeskrivi bħala skonċertanti meta l-Qorti qieset li kien qiegħed iwarrab il-linja difensjonali tal-kunsens preventiv, meta fl-istess sottomissjonijiet tiegħu ekwipara l-aġir tal-attriċi ma' rinunzja taċita tal-konservazzjoni tad-dritt.  Jinsisti li l-fatt li l-attriċi kienet qegħda tiġi mgħarrfa bit-talbiet tiegħu għall-ħlas mhux skont id-dati elenkati fil-ftehim ta' tranżazzjoni u li l-attriċi m'għamlet xejn għal snin sħaħ jindika li hija kienet effettivament irrinunzjat.  Itenni li l-argument tar-rinunzja huwa korollarju tal-eċċezzjoni ta' kunsens preventiv u li ma hemm xejn inkongruwu jew irrikonċiljabbli bejn it-tnejn.  Iqis kontradittorju l-fatt li l-Ewwel Qorti mbagħad għaddiet sabiex qieset l-argument tar-rinunzja għall-kompletezza, ladarba qieset li l-konvenut kien qiegħed jispostja l-linja difensjonali tiegħu.  Jirribadixxi li kunsidrat li l-attriċi appellata baqgħet ma ressqet l-ebda talba għall-ħlas tas-somma sħiħa ta' €900,000 minkejja diversi pagamenti tardivi u li ressqet l-azzjoni tagħha għal dikjarazzjoni ta' morożità u dekadenza u l-konsegwenti ħlas, sentejn wara – manifestazzjoni ta' volontà taċita li ma tħalli l-ebda dubju dwar ir-rinunzja tad-dritt issa nvokat mill-attriċi appellata

permezz tal-kawża odjerna. Inoltre jikkontendi li t-tweġibiet mogħtija mill-attriċi appellata in kontroeżami sabiex tagħti spjegazzjoni dwar l-inerzja da parti tagħha fir-rigward il-konservazzjoni tad-dritt tagħha ma jagħtu l-ebda spjegazzjoni plawsibbli u kredibbli, anzi fil-fehma tiegħu jissufragaw it-teżi tiegħu.

27. Hawn ukoll, din il-Qorti ssib li l-ilmenti tal-konvenut huma bla bażi. Il-liġi tipprovdi li l-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jagħraf il-jedd tal-parti li kontra tagħha l-preskrizzjoni kienet bdiet miexja (Artikolu 2133), kif ukoll li l-prekrizzjoni tinkiser ukoll bi ħlas akkont tad-dejn magħmul mid-debitur (Artikolu 2134). Ċertament hija barra minn lokha l-insistenza tal-konvenut appellant li jissepara s-somma ta' €300,000 bilanċ mitlub f'din il-kawża, mis-somma ta' €900,000. Id-dejn tal-konvenut mal-attriċi kien wieħed, kif stabbilit fl-imsemmi ftehim bħala *"the settlement sum"* fis-somma ta' €900,000. Kif spjegat qabel, ġaladarba, il-konvenut naqas fl-obbligu tiegħu li jħallas is-somma ta' €600,000 fil-waqt, kif skedat skont l-istess ftehim ta' tranżazzjoni, skatta l-jedd tal-attriċi li titlob il-ħlas tas-somma sħiħa, allura tal-bilanċ ta' €300,000. Dan ifisser li l-pagamenti li kien qiegħed iwettaq il-konvenut tul is-snin sabiex jitħallas l-ammont ta' €600,000 ma jistgħux ħlief jitqiesu bħala pagament akkont, tad-dejn kollu dovut mill-konvenut, inkluż it-€300,000. Isegwi li meta l-konvenut wettaq l-aħħar pagament fit-3 ta' Settembru, 2018 (ara Dok. ES 7F a fol. 50) il-preskrizzjoni ġiet għal darb'oħra interrotta u minn hemm skatta t-terminu

tal-preskrizzjoni. Isegwi li meta tressqet il-kawża odjerna, din saret fi żmien utili.

28. Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tad-9 ta' Frar, 2005, fil-kawża fl-ismijiet **Austin Psaila v. Lother Slabick**:

> *"…r-rikonoxximent stabbilit mill-precitat Artikolu 2133 jestrinsika ruhu jew permezz ta' xi dikjarazzjoni esplicita jew bi kwalsiasi fatt iehor li jimplika l-ammissjoni ta' l-ezistenza tad-dritt. Ad exemplum, il-weghda tal-hlas, talba ghad-dilazzjoni tal-pagament, il-hlas akkont (Artikolu 2134), ...*
>
> *Jinsab precizat ukoll, kemm fi-duttrina legali, kif ukoll fil-gurisprudenza, illi dan ir-rikonoxximent tad-dritt ghal fini ta' l-interuzzjoni tal-preskrizzjoni hu konfigurabbli fir-rekwiziti tal-volontarjeta`, tal-konsapevolezza, ta' l-inekwivocita`, dejjem b' mod esterjorizzat. Rekwiziti dawn li hu necessarju li jikkoezistu flimkien fl-istess att;"*

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, bil-ħlas li kien qiegħed iwettaq il-konvenut, huwa kien qiegħed jagħraf il-jedd tal-attriċi għall-ħlas tad-dejn b'mod ċar u inekwivoku.

29. Dawn l-istess prinċipji ġew enunċjati wkoll fis-sentenza ta' din il-Qorti, tas-26 ta' Ġunju, 2009, fil-kawża fl-ismijiet **Carmelo Abdilla et v. Frances Gloria Crockford et** fejn saru wkoll dawn l-osservazzjonijiet fir-rigward:

> "*Jibqa' dejjem imperattiv illi l-prova dwar dawn l-istess rekwiziti trid issir mill-attur billi huwa dan li jkun qed jikkontrasta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-kontroparti. Zgur li mhux mistenni li din il-prova ssir mill-Qorti jew mit-Tribunal li, anzi, ghandha l-kompitu li tiddeciedi "iuxta allegata et probata".*

> *...dak li hu mportanti hu li r-rikonoxximent allegat mill-attur ikun car u esplicitu. "L-accertament tal-ezistenza jew le ta' atti validament interruttivi tal-preskrizzjoni eccepita, jikkostitwixxi indagini ta' fatt rizervat ghall-apprezzament tat-tribunal adit".*

Prova tal-ħlas da parti tal-attriċi appellata saret. Naturalment l-indaġini biex tiġi stabbilita jekk ċertu fatt jammontax għal għarfien tad-dejn jidħol fil-qafas tal-poter diskrezzjonali tal-ġudikant. Diskrezzjoni li tibqa' insindakabbli jekk jirriżulta li din tkun nieqsa minn vizzji loġici jew skorrettezzi tad-dritt. L-indagini tal-fatti li għamlet l-Ewwel Qorti f'dan il-każ hija, fil-fehma tal-Qorti, impekkabbli u ma jirriżultawx motivazzjonijiet żbaljati jew fatti li juru li b'dik id-deċiżjoni saret xi inġustizzja, ċirkostanzi li kienu jwasslu lil din il-Qorti tbiddel l-konklużjoni li tkun waslet għaliha l-Ewwel Qorti.

30. Anke jekk, għall-grazzja tal-argument, wieħed kellu jikkonsidra t-teżi tal-konvenut appellant li l-kwistjoni ta' rinunzja hija argument anċillari għall-eċċezzjoni ta' kunsens preventiv min-naħa tal-attriċi, kif ingħad qabel, f'paragrafu 22 ta' din is-sentenza, din il-Qorti ma taqbilx li kien hemm xi kunsens preventiv da parti tal-attriċi appellata dwar il-ħlasijiet li kienu qegħdin isiru tard, u l-fatt innifsu li kreditur jaċċetta pagament tardiv ma jista' qatt ifisser li kreditur ikun qiegħed jirrinunzja għad-drittijiet tiegħu. Kwindi l-fatt li l-attriċi appellata kienet qegħda taċċetta l-ħlasijiet bin-nifs tas-somma ta' €600,000 b'metodu differenti minn kif kien pattwit, fis-sens li kienu qegħdin isiru tardivament, bl-ebda tiġbid ta' immaġinazzjoni ma

jista' jitqies bħala rinunzja da parti tagħha għall-jedd li tfittex lill-konvenut għall-bilanċ tad-dejn sħiħ dovut lilha, kif jittanta jargumenta l-konvenut.

31. Hekk ukoll, mhuwiex minnu li l-attriċi ma kienet qegħda tgħid xejn waqt li kienu qegħdin isiru l-ħlasijiet bin-nifs, peress li meta l-konvenut kien permezz tal-avukat tagħha jinfurmaha li kien ser isir xi pagament tardiv, hija kienet tinsisti li jiġi rispettat l-ftehim ta' tranżazzjoni. Lanqas jista' jingħad li mill-kontroeżami tal-attriċi appellata jirriżulta li hija kienet b'xi mod irrinunzjat għall-ħlas tal-bilanċ ta' €300,000, jew li dik ix-xhieda b'xi mod hija ta' wens għat-teżi tal-konvenut appellant. Minn dik ix-xhieda anzi jirriżulta li, ġaladarba ġie stabbilit li l-konvenut ma kienx puntwali fil-ħlas kif kien pattwit, l-attriċi kienet qegħda tippretendi li l-konvenut iħallasha l-ammont kollu dovut skont l-istess ftehim. Skont l-istess ġurisprudenza estensiva ċitata mill-Ewwel Qorti rinunzja ta' dritt ma tistax tiġi preżunta, iżda trid tiġi ppruvata b'mod konklussiv. Ladarba l-konvenut appellant qanqal il-kwistjoni ta' rinunzja, kien jispetta lilu li jippruvaha - prova li ma tirriżultax li saret f'din il-kawża. Għalhekk dan l-aħħar aggravju wkoll jirriżulta li mhuwiex mistħoqq u għalhekk ser jiġi wkoll miċħud.

**Decide**

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet kollha, din il-Qorti tiddisponi mill-appell imressaq mill-konvenut appellant, billi tiċħad l-istess u tikkonferma

ghal kollox is-sentenza appellata tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-27 ta' Ottubru, 2022, fil-kawża fl-ismijiet premessi.

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-konvenut appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr